# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 447

Volum 57

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

13 ta' Diċembru 2014



Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**



| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 447/01 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7414 — ReAssure/HSBC Life UK) (1) ........ | 1 |
| 2014/C 447/02 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7437 — Blackstone/TPG/Kensington) (1) .... | 1 |
| 2014/C 447/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7425 — Robert Bosch / BSH Bosch und Siemens Hausgeräte) (1) ........ | 2 |
| 2014/C 447/04 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7307 — Electricity Supply Board/Vodafone Ireland/JV) (1) ........ | 2 |
| 2014/C 447/05 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7381 — Airbus/Singapore Airlines/AATC) (1) ........ | 3 |
| 2014/C 447/06 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7231 — Vodafone/ONO) (1) ................ | 3 |



(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 447/07 Rata tal-kambju tal-euro ........ 4

2014/C 447/08 Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan nazzjonali tranżitorju kkomunikat mir-Repubblika tal-Portugal skont l-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ........ 5

2014/C 447/09 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar in-notifika lil pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li dan jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ........ 6

2014/C 447/10 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar in-notifika lil pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li dan jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ........ 16

2014/C 447/11 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar in-notifika lil pajjiż terz bil-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ........ 23


INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI


2014/C 447/12 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ........ 30

2014/C 447/13 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ........ 30

2014/C 447/14 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ........ 31

2014/C 447/15 Aġġornament tal-ammonti ta' referenza għal-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ........ 32

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.7414 — ReAssure/HSBC Life UK)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 447/01)

Fil-5 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7414. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.7437 — Blackstone/TPG/Kensington)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 447/02)

Fil-5 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7437. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.7425 — Robert Bosch / BSH Bosch und Siemens Hausgeräte)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 447/03)

Fit-3 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) bid-dokument li jġib in-numru 32014M7425. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.7307 — Electricity Supply Board/Vodafone Ireland/JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 447/04)

Fl-24 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7307. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.7381 — Airbus/Singapore Airlines/AATC)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 447/05)

Fit-8 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7381. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.7231 — Vodafone/ONO)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 447/06)

Fit-2 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7231. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**It-12 ta' Diċembru 2014**

(2014/C 447/07)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2450 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4417 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 147,41 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,6517 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4370 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5946 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,79250 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6307 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,3700 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 372,22 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2010 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,4769 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,7049 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,1190 | HRK | Kuna Kroata | 7,6740 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 579,32 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,590 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,3502 |
| HUF | Forint Ungeriż | 308,93 | PHP | Peso Filippin | 55,410 |
| LTL | Litas Litwan | 3,45280 | RUB | Rouble Russu | 71,4175 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1735 | THB | Baht Tajlandiż | 40,824 |
| RON | Leu Rumen | 4,4673 | BRL | Real Brażiljan | 3,3071 |
| TRY | Lira Turka | 2,8523 | MXN | Peso Messikan | 18,5119 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5056 | INR | Rupi Indjan | 77,7677 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan nazzjonali tranżitorju kkomunikat mir-Repubblika tal-Portugal skont l-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(2014/C 447/08)

Fil-11 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2014) 9360 dwar il-pjan nazzjonali tranżitorju kkomunikat mir-Repubblika tal-Portugal skont l-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]).

Dan id-dokument huwa disponibbli fuq is-sit tal-Internet li ġej:
https://circabc.europa.eu/w/browse/36205e98-8e7a-47d7-808d-931bc5baf6ee

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Diċembru 2014

## dwar in-notifika lil pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li dan jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

(2014/C 447/09)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

1. **INTRODUZZJONI**

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 ("ir-Regolament IUU") jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, il-proċeduri politiċi fir-rigward ta' pajjiżi bħal dawn, l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi bħal dawn, it-tneħħija minn dik il-lista, il-pubbliċità ta' dik il-lista u kull miżura ta' emerġenza.

(3) Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi terzi bil-possibilità li jkunu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx. Din in-notifika hija ta' natura preliminari. In-notifika għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament IUU. Il-Kummissjoni għandha tieħu wkoll il-miżuri kollha stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tal-pajjiżi terzi nnotifikati. B'mod partikolari, fin-notifika l-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsejsu identifikazzjoni bħal din, tipprovdi lil dawk il-pajjiżi bl-opportunità li jwieġbu u jipprovdu evidenza li tirrifjuta l-identifikazzjoni jew, fejn xieraq, pjan ta' azzjoni biex itejjeb is-sitwazzjoni u l-miżuri meħudin li jirrettifikawha. Il-Kummissjoni għandha tagħti żmien adegwat lill-pajjiżi terzi kkonċernati biex jirrispondu n-notifika u żmien xieraq biex jirranġaw is-sitwazzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni Ewropea tista' tidentifika lill-pajjiżi terzi li hija tqis bħala pajjiżi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Pajjiż terz jista' jkun ddefinit bħala pajjiż terz li ma jikkooperax jekk jonqos milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, milli jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina sajd IUU.

(5) L-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx għandha tkun ibbażata fuq ir-reviżjoni tal-informazzjoni kollha kif inhu stipulat fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU.

(6) Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kunsill jista' jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Il-miżuri stabbiliti, *inter alia*, fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU japplikaw għal dawk il-pajjiżi.

(7) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati tal-qabda vvalidati minn Stati tal-bandiera hija soġġetta għal notifika lill-Kummissjoni dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom ikunu konformi mill-bastimeti tas-sajd tal-pajjiżi terzi kkonċernati.

(8) Skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni tikkoopera b'mod amministrattiv ma' pajjiżi terzi f'oqsma li jappartjenu għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

2. **PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAL-GŻEJJER SOLOMON**

(9) In-notifika tal-Gżejjer Solomon bħala Stat tal-bandiera kienet aċċettata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament IUU fl-1 ta' Jannar 2010.

([1]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

(10) Mill-11 sal-14 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), żaret il-Gżejjer Solomon fil-kuntest ta' kooperazzjoni amministrattiva stipulata fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU.

(11) Iż-żjara kellha l-għan li tivverifika l-informazzjoni dwar l-arranġamenti tal-Gżejjer Solomon għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li magħhom iridu jikkonformaw il-bastimenti tas-sajd tagħhom, il-miżuri meħudin mill-Gżejjer Solomon sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom fil-ġlieda kontra s-sajd IUU u sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-punti tagħhom li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid tal-Unjoni.

(12) Ir-rapport finali tal-missjoni ntbagħat lill-Gżejjer Solomon fit-28 ta' Frar 2014.

(13) Il-kummenti preliminari tal-Gżejjer Solomon dwar dak ir-rapport finali waslu fis-6 ta' Mejju 2014 u fl-20 ta' Mejju 2014. It-tweġiba formali għall-osservazzjonijiet dwar il-qafas legali u amministrattiv ġiet ippreżentata fl-1 ta' Ottubru 2014 u s-6 ta' Ottubru 2014.

(14) Aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' skema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid tal-Unjoni, wara talba mill-Kummissjoni fid-19 ta' Marzu 2014, ġiet ippreżentata mill-Gżejjer Solomon fit-28 ta' Marzu 2014 u fis-7 ta' Ġunju 2014.

(15) Fl-20 ta' Mejju 2014 saret laqgħa bejn il-Gżejjer Solomon u l-Kummissjoni.

(16) Il-Gżejjer Solomon huma membru tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC). Il-Gżejjer Solomon irratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982 (UNCLOS) u l-Ftehim tal-1995 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna (UNFSA). Il-Gżejjer huma Parti għall-Konvenzjoni tal-Aġenzija tas-Sajd tal-Forum tal-Paċifiku tan-Nofsinhar [2] (Konvenzjoni FFA) u għall-Ftehim ta' Nauru (PNA) li jikkonċernaw il-kooperazzjoni fil-ġestjoni tas-sajd ta' interess komuni [3].

(17) Sabiex tiġi evalwata l-konformità tal-Gżejjer Solomon mal-obbligi tagħhom bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq stipulati fil-fehmiet internazzjonali msemmija fil-premessa (16) u stabbiliti mill-Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali (RFMOs) relevanti msemmija fil-premessa (16), il-Kummissjoni fittxet u analizzat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għall-finijiet ta' dak l-eżerċizzju.

(18) Il-Kummissjoni użat ukoll l-informazzjoni miksuba mid-dejta disponibbli ppubblikata mill-WCPFC kif ukoll l-informazzjoni disponibbli pubblikament.

## 3. IL-POSSIBBILTÀ TAL-GŻEJJER SOLOMON LI JIĠU IDENTIFIKATI BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(19) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni analizzat id-dmirijiet tal-Gżejjer Solomon bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq. Għall-fini ta' dak l-eżami, il-Kummissjoni qieset il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 3.1. Rikorrenza tal-Bastimenti IUU u l-flussi kummerċjali IUU (l-Artikolu 31(4) tar-Regolament IUU)

(20) Fir-rigward tal-bastimenti bil-bandiera tal-Gżejjer Solomon, qiegħed jiġi nnotat li abbażi tal-informazzjoni miksuba mil-listi tal-bastimenti tal-RFMO m'hemmx bastimenti fil-listi IUU provviżorji jew finali u ma teżisti l-ebda evidenza ta' każijiet antiki ta' bastimenti bil-bandiera tal-Gżejjer Solomon li tippermetti lill-Kummissjoni tanalizza l-prestazzjoni tal-Gżejjer Solomon fir-rigward ta' attivitajiet rikorrenti tas-sajd IUU skont l-Artikolu 31(4)(a) tar-Regolament IUU.

(21) Skont l-Artikolu 31(4)(b) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-miżuri meħuda mill-Gżejjer Solomon dwar l-aċċess ta' prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin minn sajd IUU għas-suq tagħhom.

(22) Abbażi ta' valutazzjoni tal-informazzjoni kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-Gżejjer Solomon ma jistgħux jiżguraw li l-prodotti tas-sajd li jidħlu fl-Gżejjer Solomon jew li jidħlu fl-impjanti tal-ipproċessar ibbażati fihom ma jkunux ġejjin minn sajd IUU. Dan huwa minħabba problemi sistematiċi li jdgħajfu l-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon jittraċċaw il-qabdiet minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni uffiċjali dwar il-ħut li jinħatt l-art, li jiġi impurtat u/jew li jiġi pproċessat. L-elementi ewlenin li fuqhom il-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha huma miġbura fil-qosor fil-premessi ((23)) sa (39).

[2] http://www.ffa.int/

[3] Il-Ftehim ta' Nauru (http://www.ffa.int/node/93#attachments).

(23) L-attivitajiet prinċipali tas-sajd fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Gżejjer Solomon ma jsirux minn bastimenti bil-bandiera tal-Gżejjer Solomon, iżda minn bastimenti bil-bandiera barranija, li f'ċerti każijiet jużaw il-portijiet lokali. Fir-rapport għad-disa' (9) sessjoni tal-Kumitat Xjentifiku [4] tal-WCPFC tal-2013, il-Gżejjer Solomon irrapportaw li total ta' 434 bastiment kienu attivi fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon fl-2012, jiġifieri 214-il bastiment bit-tartarun, 200 bastiment bil-konz u 20 bastiment bix-xlief u l-qasab. Kienu sitt (6) bastimenti bit-tartarun, żewġ (2) bastimenti bil-konz u żewġ (2) bastimenti bix-xlief u l-qasab biss li tajru l-bandiera tal-Gżejjer Solomon. Matul iż-żjara tal-Kummissjoni fi Frar 2014, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon ikkonfermaw li 401 bastiment tas-sajd industrijali ġew illiċenzjati biex jistadu fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon. It-tnaqqis tal-bastimenti liċenzjati mill-2012 huwa dovut għat-tnaqqis ta' liċenzji allokati għall-bastimenti li joperaw taħt il-ftehim tal-kiri. Madankollu, għad hemm 143 bastiment bil-konz u żewġ (2) bastimenti bit-tartarun mikrija minn ħames kumpaniji bbażati lokalment. Id-daqs tal-flotta involuta ssaħħaħ il-ħtieġa għal miżuri li jiżguraw nuqqas ta' aċċess ta' prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin mis-sajd IUU għas-suq tal-Gżejjer Solomon.

(24) Skont il-pjan tal-abbozz tal-Iżvilupp u l-Ġestjoni għat-Tonn ippreżentat f'Novembru 2013 mill-Gżejjer Solomon, fl-2012 il-qabdiet totali fil-Gżejjer Solomon fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) ammontaw għal 93 000 tunnellata. Dan jirrappreżenta madwar nofs il-qabdiet tas-snin ta' qabel (185 000 tunnellata fl-2010 u 177 000 tunnellata fl-2011).

(25) L-industrija tal-ipproċessar tat-tonn fil-Gżejjer Solomon qiegħda tikber. Tabilħaqq, hemm diversi proġetti mill-investituri barranin sabiex jiġu stabbiliti impjanti ġodda f'impriża konġunta mal-Gżejjer Solomon. Għaldaqstant, il-Kummissjoni analizzat is-sitwazzjoni b'rabta mal-attivitajiet ta' din l-industrija u kwalunkwe impatt li dawk l-operazzjonijiet jista' jkollhom fuq l-aċċess tal-prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin mis-sajd IUU għas-suq tal-Gżejjer Solomon.

(26) Il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat [5] (IPOA IUU) jipprovdi gwida dwar miżuri relatati mas-suq li tappoġġja t-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tal-kummerċ fil-ħut u l-prodotti tal-ħut mis-sajd IUU. Fil-punt 71, l-IPOA IUU jissuġġerixxi wkoll li l-Istati għandhom jieħdu passi biex itejbu t-trasparenza tas-swieq tagħhom sabiex jippermettu t-traċċabbiltà tal-ħut jew tal-prodotti tal-ħut. Bl-istess mod, il-Kodiċi ta' Kondotta għas-Sajd Responsabbli (il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), b'mod partikolari fl-Artikolu 11, jisħaq fuq prattiki tajbin għal wara l-ħsad u kummerċ internazzjonali responsabbli. L-Artikolu 11(1)(11) ta' dik il-Kodiċi ta' Kondotta [6] jitlob lill-Istati jiżguraw li l-ħut u l-prodotti tas-sajd jiġu nnegozjati fuq livell internazzjonali u fuq livell domestiku skont prattiki ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni sodi permezz ta' titjib fl-identifikazzjoni tal-oriġini tal-ħut u tal-prodotti tal-ħut.

(27) Matul iż-żjara tagħha fil-Gżejjer Solomon fi Frar 2014, il-Kummissjoni ltaqgħet ma' operatur ta' impjant tal-ipproċessar tat-tonn li l-prodotti tiegħu jiġu esportati lejn l-Unjoni.

(28) Skont dak l-operatur ekonomiku, l-impjant tal-ipproċessar huwa esklussivament fornut minn bastimenti bit-tartarun bil-bandiera tal-Gżejjer Solomon fir-rigward tal-produzzjoni tat-tisjir ta' flettijiet jew qxur tat-tonn għas-suq tal-Unjoni. Il-bqija jirriżulta minn bastimenti tas-sajd bil-konz u hija prinċiplament esportata lejn l-Istati Uniti jew is-suq reġjonali (Fiġi, il-Vanwatu, il-Papwa Ginea Ġdida). L-impjant tal-ipproċessar ikun ipprovdut biss ma' prodotti domestiċi mingħajr importazzjoni ta' materja prima. Madankollu, f'dak il-kuntest, ta' min jenfasizza li skont il-fehma tal-awtoritajiet kompetenti tal-qabdiet kollha miksuba miż-ŻEE tal-Gżejjer Solomon huma kkunsidrati li joriġinaw fil-Gżejjer Solomon irrespettivament mill-bandiera tal-bastiment tas-sajd, li tmur kontra r-regoli bażiċi tar-regoli tal-oriġini eżistenti fil-liġi tal-UE [7]. Kien ukoll evidenti li l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon ma introduċewx miżuri speċifiċi biex jikkontrollaw il-provenjenza tal-materja prima tal-ħut u ma nstabu l-ebda miżuri speċifiċi li josservaw l-aċċess ta' prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin minn sajd IUU għall-Gżejjer Solomon. F'dak ir-rigward, skont ir-Regolament IUU hemm riskju li l-materja prima li tinqabad minn bastimenti tas-sajd b'bandiera ta' pajjiż ieħor minbarra l-Gżejjer Solomon, inklużi pajjiżi li mhumiex awtorizzati li jesportaw lejn l-Unjoni, tidħol fl-industrija tal-ipproċessar mingħajr kontroll adegwat dwar it-traċċabilità tal-prodotti nfushom.

---

[4] WCPFC Scientific Committee Ninth Regular Session, 6-14 August 2013, Pohnpei, Federates States of Micronesia, Annual Report to the Commission Part 1: Information on Fisheries Research and Statistics, Solomon Islands, WCPFC-SC9-AR/CCM-21 (http://www.wcpfc.int/system/files/AR-CCM-21-Solomon-Islands-AR-Part-1.pdf).

[5] Il-Pjan Internazzjonali ta' Azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2001.

[6] Il-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u tal-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1995.

[7] L-Artikoli 22-27 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1) u l-Artikoli 67.(1)(a), 72 u 75 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1063/2010 tat-18 ta' Novembru 2010 li jemendaw ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 307, 23.11.2010, p. 1).

(29) Matul iż-żjara tagħha, il-Kummissjoni ltaqgħet ukoll ma' operaturi oħra. Il-Kummissjoni għamlet ħilitha biex tivverifika l-prinċipji bażiċi u l-linji ta' politika li għandhom jiġu applikati mill-operaturi fir-rigward tat-traċċabbiltà tal-fluss tal-kummerċ tal-prodotti tas-sajd mix-xibka sal-platt. L-operaturi ma setgħux iwieġbu b'mod ċar il-mistoqsijiet dwar il-katina tat-traċċabbiltà u l-istabbiliment tal-kwantitajiet mibjugħa u pproċessati. Għall-materja prima li tinbiegħ lill-impjanti tal-ipproċessar fil-Gżejjer Solomon u pajjiżi terzi oħra, l-impjanti tal-iproċessar isserrħu totalment fuq l-istimi tal-piż u l-fatturi li jirċievu mingħand il-klijenti tagħhom mingħajr ma jsiru iktar verifiki fuq il-prodotti. Fil-verità, fl-ebda stadju ma hemm kontroll jew verifika. Bl-istess mod, l-operatur tal-impjant tal-ipproċessar jattribwixxi kodiċi lil kull lott ta' materja prima hekk kif jasal, iżda wara dan, il-prodotti mhumiex segwiti sistematikament permezz tal-katina tal-ipproċessar u l-ebda rabta affidabbli ma tista' tiġi żgurata bejn il-prodott finali u l-qabda reali sottostanti.

(30) Barra minn hekk, il-livell ta' għarfien tal-uffiċjali doganali fil-Gżejjer Solomon instab li kien bażiku ħafna. L-uffiċjali doganali jserħu fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-operaturi tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni mingħajr aktar verifiki tal-kwantitajiet u sistema traċċabbli li torbot it-tagħbija bid-dikjarazzjonijiet doganali. B'dan, l-awtoritajiet ma għandhomx sistema ta' kontroll fuq il-materja prima użata għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd u ma jistgħux jorbtu l-materja prima eżistenti tas-suq tal-Gżejjer Solomon mal-esportazzjoni tal-prodotti tas-sajd.

(31) Rigward is-sistemi stabbiliti li jiżguraw it-traċċabbiltà, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Gżejjer Solomon ma setgħux jiżguraw kontroll sistematiku tal-ħatt l-art. Anke jekk l-awtoritajiet lokali ddikjaraw li 100 % tal-ħatt l-art f'żewġ portijiet awtorizzati kienu koperti, ma setgħux jagħtu prova kif l-ispetturi ħadmu biex jiżguraw din il-kopertura. Il-Kummissjoni sabet li spettur wieħed biss ġie stazzjonat fil-port fejn il-biċċa l-kbira tal-ħatt l-art seħħ fil-ħin li l-bqija tal-ispetturi ċċaqilqu għall-port l-ieħor (li mhuwiex fuq il-gżira prinċipali fejn l-awtoritajiet għandhom il-bażi u r-riżorsi amministrattivi ewlenin tagħhom) wara kull ħatt l-art. Il-Gżejjer Solomon għarrfu l-bżonn li jsaħħu s-sistema tagħhom ta' kontroll u monitoraġġ, bħal fis-sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tas-sajd, l-introduzzjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art u kontrolli sistematiċi u titjib fil-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tad-dwana.

(32) L-analiżi bir-reqqa ta' ċertifikati tal-qabda vvalidati mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għall-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni żvelat numru ta' nuqqasijiet fil-proċess ta' validazzjoni. Fi Frar 2014, iż-żjara tal-Kummissjoni kkonfermat din l-analiżi. B'mod partikolari, ġie konkluż li kien hemm nuqqas ta' kontroll sistematiku tal-informazzjoni pprovduta fiċ-ċertifikati tal-qabda. Ma kienx hemm sistema ta' traċċar fis-seħħ u l-kwantitajiet indikati fiċ-ċertifikat tal-qbid kienu stabbiliti mill-operatur. L-awtoritajiet kompetenti kellhom joqogħdu kompletament fuq dik l-informazzjoni. Iċ-ċertifikati tal-qabda għall-importazzjonijiet diretti ta' prodotti pproċessati sistematikament jiġu vvalidati wara li l-kunsinna tkun diġà telqet mill-Gżejjer Solomon. Il-Gżejjer Solomon mhumiex f'pożizzjoni li jiżguraw xi tip ta' kontroll jew traċċabbiltà fuq dawk il-prodotti li qatt ma jispezzjonaw fiżikament.

(33) Barra minn hekk, l-uniku uffiċjal ta' validazzjoni m'għandux aċċess dirett għad-dejta ta' kontroll bħas-Sistema ta' Monitoraġġ ta' Bastimenti (Vessel Monitoring System - VMS), l-informazzjoni dwar liċenzji jew il-ġurnali tas-sajd. Jekk qabel il-validazzjoni seħħ xi verifika jew kontroverifika, din għandha ssir permezz ta' telefonati lejn il-kwartieri tal-Ministeru tas-Sajd u r-Riżorsi Marini fejn l-informazzjoni rilevanti hija ċċentralizzata. Ma kien hemm l-ebda dokumentazzjoni disponibbli fuq kwalunkwe verifika bħal din.

(34) Il-fatt li l-validazzjoni ssir b'mod sistematiku fl-istess jum tad-dikjarazzjoni tal-esportatur (bi ftit eċċezzjonijiet) jindika li l-verifika li ssir minn qabel u l-kontroverifiki tad-dejta huma limitati jew saħansitra ineżistenti. Fi kwalunkwe każ, ma ngħatat l-ebda dokumentazzjoni tal-kundizzjonalità.

(35) Barra minn hekk, instabu numru ta' nuqqasijiet fiċ-ċertifikati fir-rigward tal-inkoerenzi fis-sistema ta' numerazzjoni, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni applikabbli, iż-żona ta' qbid kif ukoll l-inkonsistenzi serji fid-dati, bħal pereżempju li d-data ta' validazzjoni indikata tippreċedi d-dikjarazzjoni tal-esportatur jew id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art tiġi qabel id-data tal-qbid. Dawn l-iżbalji bażiċi jqiegħdu fil-periklu l-kredibilità tal-proċedura tal-validazzjoni kollha.

(36) Il-Kummissjoni sabet ukoll prattiki fejn ma kienet teżisti l-ebda informazzjoni dwar il-ħatt l-art tal-ħut (l-ebda dikjarazzjoni tal-ħatt l-art) u l-Gżejjer Solomon b'mod alternattiv użaw informazzjoni mill-awtorizzazzjonijiet tat-trażbord fil-port biex jiddikjaraw il-kwantitajiet fiċ-ċertifikati tal-qbid. Bl-istess mod, ġie nnutat li l-operaturi jużaw mudelli taċ-ċertifikati tal-qbid b'informazzjoni diġà mimlija dwar il-bastimenti, l-ispeċi, il-kodiċi tal-prodott, eċċ. Instabu kampjuni fejn iċ-ċertifikat tal-qabda ġie vvalidat b'linji żejda mingħajr ma tniżżlu l-kwantitajiet ta' tonn għajnu kbira jew tonn isfar. Dan joħloq ir-riskju ta' manipulazzjoni taċ-ċertifikat tal-qabda wara l-validazzjoni.

(37) Barra minn hekk, instabu diversi eżempji ta' ċertifikati tal-qbid fejn ġew ippreżentati verżjonijiet differenti bi kwantitajiet differenti mal-importazzjoni tal-prodotti lejn l-Unjoni. Il-Gżejjer Solomon spjegaw li mat-talba tal-operatur huma joħorġu ċertifikati tal-qbid addizzjonali għall-istess konsenja, mingħajr ma jistaqsu dwar ir-raġuni għaliex saret dik id-domanda jew mingħajr ma jieħdu lura l-ewwel oriġinali biex jevitaw użu ħażin frodulenti. Din il-prattika, flimkien ma' nuqqasijiet oħra misjuba, tirriżulta f'riskju konsiderevoli ta' ħasil tal-flus mis-sajd IUU jew tal-inqas f'ħut li mhux eliġibbli għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. B'mod partikolari, il-pajjiżi fir-reġjun li mhumiex ikkwalifikati biex jesportaw prodotti tal-ħut lejn l-Unjoni jistgħu jieħdu vantaġġ mid-dgħjufijiet tas-sistema ta' validazzjoni tal-Gżejjer Solomon biex ikopru l-ħut tagħhom għal importazzjoni indiretta lejn l-Unjoni. Għal darb'oħra, il-Gżejjer Solomon urew nuqqas ta' fehim u kuxjenza dwar ir-riskju maħluq minn kopertura żejda ta' kwantitajiet b'duplikazzjoni jew bi triplikazzjoni ta' ċertifikati tal-qabda.

(38) Il-Gżejjer Solomon aċċettaw in-nuqqasijiet kollha tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid ppreżentata fil-premessi minn (32) sa (37) u spjegaw l-iżbalji bħala inkompetenza tal-uffiċjali responsabbli. Huma spjegaw li kienu qed jaħdmu fuq it-titjib tal-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-qbid. F'dan ir-rigward, sar abbozz ta' serje ta' Proċeduri Operattivi Standard (Standard Operational Procedures - SOPs) u l-istaff qed jiġi mħarreġ biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tagħhom. Madankollu, l-informazzjoni kollha mogħtija kienet qiegħda tirreferi għal pjanijiet futuri mingħajr l-ebda riżultati tanġibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet ħilitha biex tivverifika jekk sarx progress fil-proċess ta' validazzjoni ta' ċertifikati tal-qbid wara ż-żjara tal-Kummissjoni fi Frar 2014 u l-introduzzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja tal-Gżejjer Solomon. Madankollu, fuq il-bażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni ma nnutat l-ebda titjib.

(39) Minħabba n-nuqqas ta' traċċabbiltà stabbilita u n-nuqqas ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Gżejjer Solomon dwar il-ħut li jkun inħatt l-art, il-Gżejjer Solomon ma jistgħux jiżguraw li l-prodotti tas-sajd li jidħlu f'dawn il-Gżejjer jew li jidħlu fl-impjanti tal-ipproċessar ibbażati fihom ma jkunux ġejjin minn sajd IUU, kif imsemmi fil-premessi (28) sa (37). Il-possibbiltà li jikkontrollaw l-aċċess ta' prodotti IUU u l-esportazzjoni sussegwenti tagħhom hija wkoll kompromessa mill-ambigwità tal-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini kif stabbilit fil-premessa (28) – kif ukoll min-nuqqas ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni ċari kif deskritt fil-premessi (63) sa (68).

(40) Għaldaqstant, abbażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni, kif ukoll l-istqarrijiet magħmulin mill-Gżejjer Solomon, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4) (b) tar-Regolament IUU, il-Gżejjer Solomon ma wettqux l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-kosta u tas-suq biex jipprevjenu l-aċċess ta' prodotti tas-sajd li jirriżultaw mis-sajd IUU lejn is-suq tagħhom.

### 3.2. Nuqqas ta' kooperazzjoni u ta' infurzar (l-Artikolu 31(5) tar-Regolament IUU)

(41) Il-Kummissjoni analizzat jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon qattx ikkooperaw b'mod effettiv mal-Kummissjoni, billi wieġbu għat-talbiet mill-Kummissjoni biex tinvestiga, tipprovdi rispons jew segwitu dwar is-sajd IUU u attivitajiet assoċjati miegħu.

(42) Filwaqt li l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon involuti fl-implimentazzjoni tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni tal-qbid tar-Regolament IUU ġeneralment jikooperaw, jirrispondu u jipprovdu rispons għat-talbiet għal informazzjoni jew verifika, l-affidabbiltà tal-korrettezza tar-risposti tagħhom hija kompromessa u dgħajfa minħabba n-nuqqas ta' trasparenza u l-fatt li m'hemmx, jew ftit li xejn hemm, possibbiltajiet biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd, kif inhu stabbilit fit-Taqsima 3(1).

(43) Fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali dwar kemm il-Gżejjer Solomon jissodisfaw id-dmirijiet tagħhom li jaqdu l-obbligi tagħhom bħala Stat tal-bandiera, tal-port u kostali, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk il-Gżejjer Solomon jikkooperawx mal-Istati l-oħra tal-bandiera fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(44) Għal dak il-għan, waqt il-missjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2014, ġie stabbilit li kien hemm nuqqas ta' rieda, mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon, li jikkooperaw mal-Istati tal-bandiera ta' bastimenti li joperaw fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom skont ftehimiet ta' sajd differenti, minħabba li l-Gżejjer Solomon ma kinux lesti li jipprovdu lill-Istati tal-bandiera b'informazzjoni relatata mad-dejta tal-bastimenti. Din hija indikazzjoni ċara li l-Gżejjer Solmon ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali (b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) tal-UNFSA) biex jiżguraw il-konservazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-istokkijiet tal-ħut transżonali li jseħħu fl-ilmijiet tagħhom u biex jiżguraw il-prevenzjoni effettiva u effiċjenti tas-sajd IUU. Dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni jikkontradixxi wkoll il-punt 40 tal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar il-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera ([8]), li skontu Stati tal-bandiera u tal-kosta għandhom jidħlu biss għal ftehimiet dwar is-sajd meta t-tnejn li huma jkunu ssodisfati li dawn l-attivitajiet mhumiex se jdgħajfu s-sostenibbiltà tar-riżorsi marini ħajjin fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tal-Istat kostali.

([8]) Voluntary guidelines on flag state performance, Food and Agriculture Organization of the United Nations, 2014 (Il-linji gwida volontarji dwar il-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2014).

(45) Minkejja n-numru importanti ta' trażbordi ta' bastimenti bil-bandiera barranija li jseħħu fil-Gżejjer Solomon, il-pajjiż ma stabbilixxix kollaborazzjoni mal-Istati tal-bandiera ta' dawn il-bastimenti. Għaldaqstant, il-Gżejjer Solomon ma jkunux f'pożizzjoni li jikkonformaw ma' dmirijiethom bħala Stat tal-port skont il-punti 52 sa 64 tal-IPOA IUU. B'mod partikolari, il-Gżejjer Solomon ma jikkonformawx mal-obbligazzjonijiet tagħhom bħala Stat tal-port fir-rigward ta' bastimenti bil-bandiera barranija li jużaw il-portijiet tagħhom minħabba li mhux qed jikkooperaw mal-Istati tal-bandiera dwar kwistjonijiet bażiċi bħal skambju ta' informazzjoni dwar il-ħatt l-art, trażbordi u rifjuti biex jintuża l-port. Billi, fis-sottomissjoni tagħhom tas-6 ta' Mejju 2014, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon stqarru li se jiktbu lill-Istati tal-bandiera biex isaħħu l-kollaborazzjoni biex titlesta d-data tat-trasbord meħtieġa fuq iċ-ċertifikati tal-qbid għall-esportazzjonijiet fl-Unjoni, ma ġew konklużi l-ebda arranġamenti konkreti ma' pajjiżi terzi dwar skambju ta' informazzjoni u dejta dwar it-trażbordi.

(46) Fir-rigward tal-kollaborazzjoni ma' Stati Membri tal-Unjoni dwar il-kontroll taċ-ċertifikati tal-qbid ivvalidati mill-Gżejjer Solomon, il-pajjiż irċieva talbiet ta' verifika minn tliet Stati Membri tal-Unjoni. It-talbiet ġew ittrattati mill-awtoritajiet kompetenti u kien hemm risposta f'waqtha. Madankollu, it-tweġibiet normalment kienu sempliċiment jikkonfermaw l-awtentiċità taċ-ċertifikat tal-qbid mingħajr l-ebda spjegazzjoni oħra. Fuq il-post ma kien hemm l-ebda dokumentazzjoni disponibbli dwar dawn it-talbiet ta' verifika.

(47) Il-Kummissjoni analizzat jekk il-Gżejjer Solomon kinux ħadu miżuri effettivi ta' infurzar fir-rigward ta' operaturi responsabbli għal sajd IUU u jekk kinux applikati sanzjonijiet severi biżżejjed li jċaħħdu lill-ħatjin mill-benefiċċji li jieħdu mis-sajd IUU.

(48) Fir-rigward tal-konformità u l-infurzar, iż-żjara tal-Kummissjoni żvelat li l-Gżejjer Solomon m'għandhom l-ebda leġiżlazzjoni speċifika li tindirizza attivitajiet tas-sajd IUU. Nuqqas bħal dan jindika li l-Gżejjer Solomon ma jiżgurawx kontroll mill-Istat tal-bandiera fuq il-bastimenti tas-sajd kif meħtieġ skont l-Artikolu 94 tal-UNCLOS. Barra minn hekk, il-prestazzjoni tal-Gżejjer Solomon fir-rigward tal-konfirmità u l-infurzar mhijiex skont il-punt 21 tal-IPOA IUU li jirrakkomanda li l-Istati jiżguraw li s-sanzjonijiet fuq is-sajd IUU minn bastimenti taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom ikunu severi biżżejjed biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw b'mod effettiv is-sajd IUU u jċaħħdu lill-ħatjin mill-benefiċċji li jieħdu mill-attivitajiet illegali tagħhom.

(49) Tabilħaqq, f'rapport tal-verifika ppubblikat fl-2012, l-Awditur Ġenerali tal-Gżejjer Solomon ([9]) innota li l-Liġi tas-Sajd fis-seħħ kienet skaduta u ma tissodisfax l-obbligi tal-pajjiż skont ftehimiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali. L-awtoritajiet ftiehmu dwar dik il-verifika l-Kummissjoni ltaqgħet magħhom waqt iż-żjara tagħha fi Frar 2014. Qabel iż-żjara ġie ippreżentat abbozz ġdid ta' Liġi dwar is-Sajd. Madankollu, is-sanzjonijiet ta' dak l-abbozz mhumiex adegwatament severi biex ikunu effettivi ħalli jiżguraw il-konformità u biex jiskoraġġixxu l-ksur tal-liġi u jċaħħdu lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jieħdu mill-attivitajiet illegali tagħhom, kif mitlub mill-Artikolu 25(7) tal-Konvenzjoni tal-WCPFC ([10]). B'mod partikolari, l-iskema tas-sanzjonijiet tiddependi fuq sistema ta' unitajiet ta' penali li l-bażi legali tagħhom għadha ma ġietx stabbilita. Il-Gżejjer Solomon irrikonoxxew l-obsolexxenza tas-sistema li ma ġietx applikata u spjegaw li kienu fil-proċess li jirreveduha. Fis-6 ta' Ottubru 2014 tressaq abbozz aġġornat tal-Liġi tas-Sajd ġdida. Madankollu, is-sitwazzjoni baqgħet problematika minħabba d-definizzjonijiet mhux ċari ta' ksur serju, punti ta' penali, infrazzjonijiet ripetuti, livell ta' penali u minħabba li l-konsegwenzi legali tagħhom ma kinux ċari.

(50) Fir-rigward tal-kapaċità eżistenti tal-Gżejjer Solomon, ta' min jinnota li, skont l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti ([11]), il-Gżejjer Solomon jitqiesu bħala pajjiż fejn l-iżvilupp tal-bniedem huwa baxx (il-143-il pajjiż minn 186 wieħed fl-2013). Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) fejn il-Gżejjer Solomon huma elenkati fil-kategorija ta' pajjiżi inqas żviluppati. Il-lista ta' assistenza għall-iżvilupp uffiċjali (official development assistance - ODA) minn riċevituri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) il-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp mill-1 ta' Jannar 2013 għar-rappurtar dwar l-2012 ([13]) tikkunsidra l-Gżejjer Solomon bħala pajjiż l-anqas żviluppat. F'dan ir-rigward, il-limitazzjonijiet tal-kapaċità finanzjarja u amministrattiva tal-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitqiesu bħala fattur wieħed li jdgħajjef l-abbiltà tal-Gżejjer Solomon li jissodisfaw d-dmirijiet ta' kooperazzjoni u l-infurzar tagħhom. Madankollu, huwa mfakkar li n-nuqqasijiet fil-kooperazzjoni u l-infurzar huma

([9]) http://www.pmc.gov.sb/content/fisheries-act-outdated
([10]) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet tal-Ħut li Jpassu Ħafna fil-Punent tal-Oċean Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali, li saret f'Honolulu, fil-5 ta' Settembru 2000 (http://www.wcpfc.int/doc/convention-conservation-and-management-highly-migratory-fish-stocks-western-and-central-pacific).
([11]) Informazzjoni meħuda minn http://hdr.undp.org/en/statistics
([12]) Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).
([13]) http://www.oecd.org/dac/stats/daclistofodarecipients.htm

marbutin man-nuqqas ta' qafas legali adegwat li jippermetti l-azzjonijiet ta' segwitu xieraq aktar milli l-kapaċità eżistenti tal-Gżejjer Solomon li jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali tagħhom. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li, abbażi tal-informazzjoni miksuba matul iż-żjara tal-Kummissjoni fi Frar 2014, ma jistax jitqies li l-Gżejjer Solomon m'għandhomx riżorsi finanzjarji iżda aktarx li jonqoshom l-ambjent legali u amministrattiv meħtieġ biex jiżguraw li jaqdu dmirijiethom b'mod effiċjenti u effettiv bħal Stati tal-bandiera, kostali, tal-port u tas-suq.

(51) Barra minn hekk, għandu jkun enfasizzat li, skont ir-rakkomandazzjonijiet fil-punti 85 u 86 tal-IPOA IUU dwar il-ħtiġijiet speċjali ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-Unjoni għenet lill-Gżejjer Solomon fl-applikazzjoni tar-Regolament IUU permezz ta' programm speċifiku ta' assistenza teknika ffinanzjat mill-Kummissjoni ([14]).

(52) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni, kif ukoll l-istqarrijiet maħruġin mill-Gżejjer Solomon, jista' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u (5) tar-Regolament IUU, li l-Gżejjer Solomon naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-kosta u tas-suq fir-rigward tal-isforzi tal-kooperazzjoni u l-infurzar.

### 3.3. Nuqqas li jiġu implimentati r-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)

(53) Il-Gżejjer Solomon irratifikataw l-UNCLOS u l-UNFSA. Il-Gżejjer Solomon huma parti kontraenti għall-WCPFC. Il-Gżejjer Solomon huma Parti għall-Konvenzjoni FFA u għall-PNA fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-ġestjoni ta' sajd ta' interess komuni.

(54) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha li qieset relevanti fir-rigward tal-istatus tal-Gżejjer Solomon bħala membru kontraenti tal-WCPFC.

(55) Il-Kummissjoni analizzat ukoll kull informazzjoni li qieset rilevanti fir-rigward tal-ftehim tal-Gżejjer Solomon biex japplikaw il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-WCPFC.

(56) Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Gżejjer Solomon dwar is-sitwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd għat-tonn fl-ibħra tagħhom, il-qabdiet tal-istokkijiet tat-tonn fiż-ŻEE tal-Gżejjer Solomon, fl-2012 kienu responsabbli għal 3,5 % tal-qbid tal-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent ([15]). Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 50 % mis-snin 2010 u 2011.

(57) Abbażi taċ-ċifri ppreżentati fil-premessa (56) jidher li l-Gżejjer Solomon jiġġestixxu riżorsi globali importanti tat-tonn u għalhekk għandhom ir-responsabbiltà, bħala Stat tal-kosta, li jiżguraw ġestjoni sostenibbli responsabbli u fuq terminu twil ta' żmien ta' dan ir-riżors. L-Artikoli 61 sa 64 tal-UNCLOS u l-Artikoli 7 u 8 tal-UNFSA jirregolaw l-użu tar-riżorsi ħajjin fl-Istat kostali, li għandu jippromwovi l-għan tal-aħjar użu tar-riżorsi ħajjin fiż-ŻEE tiegħu u jiżgura l-konformità ta' ċittadini ta' Stati oħrajn li jistadu fiż-ŻEE tiegħu bil-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, kif ukoll jikkoopera mal-Istati relevanti u l-organizzazzjonijiet reġjonali involuti f'dak is-sajd.

(58) F'dak ir-rigward, huwa nnutat li bi ksur ta' dawn l-obbligi u r-rakomandazzjonijiet, il-qafas legali tal-Gżejjer Solomon m'għandux dispożizzjonijiet li jiżguraw ġestjoni effiċjenti u effettiva tal-bastimenti li joperaw fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħhom. Barra minn hekk, il-qafas legali ma jinkludix dispożizzjonijiet ċari u trasparenti li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli għal kull tip ta' ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Gżejjer Solomon, jew fejn jinstabu dawn ma jeżistux proċeduri ċari u trasparenti li jistabbilixxu kif għandha tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom. Dawk l-aspetti huma analizzati f'iżjed dettall fil-premessi (59) sa (75).

(59) L-evidenza ċara tan-nuqqasijiet tal-qafas legali tal-Gżejjer Solomon jidher fil-mod ta' kif il-Gżejjer jimmaniġġjaw ir-riżorsi tat-tonn. Il-Gżejjer Solomon spjegaw li l-"Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni u l-Iżvilupp tat-Tonn tal-Gżejjer Solomon" ġie implimentat parzjalment biss u ġie mibdul konsegwentement bi pjan ġdid.

(60) L-abbozz il-ġdid tal-Pjan ta' Ġestjoni għat-Tonn ippreżentat lill-Kummissjoni f'Novembru 2013 jipprovdi l-qafas legali għall-ġestjoni tar-riżorsi tat-tonn u japplika għall-ilmijiet kollha tal-Gżejjer Solomon minn tliet (3) mili nawtiċi inklużi dawk arċipelaġiċi. Madankollu, dan huwa biss dokument ta' prinċipji ġenerali. Matul iż-żjara tal-Kummissjoni fi Frar 2014, il-Gżejjer Solomon qablu li jirrevedu l-abbozz li jirrifletti r-realtà tal-operazzjonijiet, l-attivitajiet u l-industrija tas-sajd. Il-Gżejjer Solomon iddikjaraw li l-Pjan il-ġdid għandu jinkludi miżuri ta' konservazzjoni u amministrazzjoni subreġjonali, liċenzja tar-reġimi u l-kundizzjonijiet, il-limiti TAC, il-ġestjoni ta' żoni tal-ilmijiet tal-arċipelagu u taż-ŻEE, il-punti ta' referenza u r-regoli ta' kontroll dwar il-ħsad.

([14]) Bħala għajnuna għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikunu konformi mal-Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 dwar Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (Sajd IUU), EuropeAid/129609/C/SER/Multi.

([15]) It-Tmien Sessjoni Regolari tal-Kumitat Xjentifiku tal-WCPFC, WCPFC-SC8-AR/CCM-21.

(61) Fi kwalunkwe każ, il-fatt huwa li l-Pjan eżistenti m'għadux validu u għalhekk mhuwiex konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 61(2) sa (5), 62 (1) u 64 tal-UNCLOS fir-rigward tal-aħjar użu tar-riżorsi permezz ta' miżuri xierqa ta' konservazjoni u ġestjoni.

(62) Aspett ieħor ta' nuqqas regolatorju huwa n-nuqqas ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni ċari adottati mill-Gżejjer Solomon, abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi u skont l-obbligi tagħhom lejn l-UNCLOS, l-UNFSA u l-WCPFC, b'rabta mal-ilmijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi l-ilmijiet arċipelaġiċi. Tabil-ħaqq, fi Frar 2014 ġie stabbilit li r-regoli ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni mhumiex trasparenti u ċari (kif inhu żviluppat fil-premessi (63) sa (68)) u jidher li la huma kompatibbli u lanqas ibbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi (kif inhu żviluppat fil-premessi (69) sa (75)).

(63) L-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Gżejjer Solomon jissejħu bħala baħar territorjali, ilmijiet arċipelaġiċi u ŻEE. Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni WCPFC, il-qasam ta' kompetenza taż-żona WPCFC jinkludi, fil-prinċipju, l-ilmijiet kollha tal-Gżejjer Solomon inklużi l-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Gżejjer Solomon.

(64) Madankollu, il-Gżejjer Solomon infurmaw lill-Kummissjoni li jikkunsidraw li l-ilmijiet li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni nazzjonali tagħhom (il-baħar territorjali, ilmijiet arċipelaġiċi, ŻEE) mhumiex koperti mill-Konvenzjoni WCPFC, anki jekk il-WCPFC tiddelega l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tagħha lill-partijiet kontraenti tagħha. Barra minn hekk, filwaqt li l-PNA jillimitaw l-isforz tas-sajd bl-allokazzjoni ta' ġranet ta' sajd (Vessel Day Scheme - VDS) applikabbli fiż-ŻEE kollha tal-partijiet għal dan il-ftehim, din il-limitazzjoni ma tapplikax għall-ilmijiet territorjali u arċipelaġiċi tal-Gżejjer Solomon.

(65) Skont l-Artikoli 61 sa 64 tal-UNCLOS, l-Artikoli 5, 7, 8, 9, 10 tal-UNFSA u l-objettiv ġenerali u r-regoli rilevanti tal-Konvenzjoni WCPFC (b'mod partikolari l-Artikoli 2, 5, 7, 8) huwa bla dubju l-obbligu ta' Stat tal-kosta li jadotta miżuri kompatibbli ma' dawk li japplikaw fir-reġjun u fl-ibħra miftuħin biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fuq terminu twil tal-istokkijiet tal-ħut transżonali u li jpassi ħafna u biex jiġi promoss l-għan tal-aħjar użu tagħhom. Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO, b'mod partikolari il-paragrafi 7(1), 7(2), 7(3) u 8(1), jirrakkomanda wkoll prattiki tajba biex jinkisbu dawk l-obbligi.

(66) Il-kundizzjonijiet speċifiċi għal bastimenti tas-sajd li jkunu qegħdin joperaw fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon huma riżolti fil-liċenzja tas-sajd, l-aktar il-perjodu tas-sajd, l-ispeċijiet ta' ħut li jieħdu, iż-żoni tas-sajd u kundizzjonijiet oħra. Il-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Gżejjer Solomon għandhom aċċess għall-ilmijiet tal-arċipelagu filwaqt li l-flotta mikrija bil-bandiera tal-pajjiż u l-flotta skont il-ftehimiet bilaterali/multilaterali għandhom aċċess għal sforz ta' sajd bit-tartarun fiż-ŻEE tal-Gżejjer Solomon kif irregolati u llimitati fil-livell reġjonali skont il-VDS. Għall-bastimenti bil-konz jew bastimenti li jkunu qegħdin joperaw fl-ilmijiet tal-arċipelagu, għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fil-liċenzja tas-sajd. Għall-bastimenti bix-xlief u l-qasab il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom ikunu stabbiliti fuq il-liċenzja tas-sajd.

(67) In-nuqqas ta' ċarezza u trasparenza tar-regoli applikabbli għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar u l-użu reali ta' sforz tas-sajd skont il-VDS, flimkien ma' diversi arranġamenti eżistenti fir-rigward tal-aċċess għas-sajd deskritt fil-premessa (66), jikkompromettu u jdgħajfu l-possibbiltà għal implimentazzjoni effettiva tal-konservazzjoni u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

(68) Fl-aħħar nett, ma teżisti l-ebda regola ċara, trasparenti u kompatibbli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni għall-ilmijiet arċipelaġiċi tal-Gżejjer Solomon, bi ksur tal-obbligi msemmija fil-premessa (65).

(69) Skont l-Artikolu 61 tal-UNCLOS, l-Artikoli 5 u 6 tal-UNFSA, u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni tal-WCPFC, l-Istati tal-kosta għandhom jiddeterminaw il-qabda totali tar-riżorsi ħajjin fiż-ŻEE tagħhom, abbażi tal-aqwa evidenza xjentifika disponibbli għalihom u abbażi ta' approċċ ta' prekawzjoni; l-Istati tal-kosta għandhom jiżguraw ukoll, permezz ta' miżuri xierqa ta' konservazzjoni u ġestjoni, li r-riżorsi ħajjin u l-istokkijiet fiż-ŻEE u f'ilmijiet oħrajn li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom ma jkunux ipperikolati minn sfruttament eċċessiv. Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO, b'mod partikolari il-paragrafi 7(3), 7(4) u 7(5), tirrakkomanda prattiki tajbin biex dawn l-obbligi jiġu ssodisfati.

(70) Minħabba li l-Gżejjer Solomon jikkunsidraw li r-regoli tal-WCPFC ma japplikawx għal ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, mhuwiex ċar liema dejta tinġabar u tiġi rrappurtata lill-WCPFC; dan jista' jkun li ma jkoprix il-valutazzjonijiet tal-ilmijiet tas-sajd kollha tal-Gżejjer Solomon. Ir-rapporti tal-Kumitat Xjentifiku WCPFC iqajmu b'mod regolari l-kwistjoni ta' lakuni fid-dejta. Pereżempju, fir-rapport tas-seba' (7) sessjoni tiegħu fl-2011, il-Kumitat Xjentifiku tal-WCPFC innota taħt il-punt 89 ċerti inkonsistenzi fost il-flotot fir-rappurtar tal-palamit, it-tonn isfar u t-tonn għajnu kbira fir-reġistri tat-tartaruni u minħabba l-importanza, għal finijiet xjentifiċi,

ta' dejta preċiża dwar il-kompożizzjoni tal-qabda bit-tartarun, irrakkomanda li din il-problema tiġi rreferuta lill-Kumitat Tekniku u ta' Konformità ([16]). Skont il-punt 37, enfasizza l-inċertezza tal-kompożizzjoni tal-ispeċijiet tat-tartarun, u ħeġġeġ lill-partijiet kontraenti biex ikomplu jtejbu l-istimi tad-dejta tal-kompożizzjoni tat-tartarun. Fit-tmien (8) sessjoni tiegħu, il-Kumitat Xjentifiku tal-WCPFC reġa' qajjem il-kwistjonijiet tal-lakuni u l-inkonsistenzi fid-dejta ([17]), b'rabta mal-qabda u l-kompożizzjoni tal-qabda, ikkummenta fuq l-obbligi tar-rappurtar skont il-ftehimiet tal-kiri u ħareġ rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta-ġestjoni ([18]). Huwa indirizza wkoll in-nuqqas ta' sottomissjonijiet ta' dejta jew dejta fqira ta' ċerti partijiet kontraenti, li whud minnhom qed joperaw f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Gżejjer Solomon.

(71) Ir-rapporti jiddikjaraw ukoll li għadha ma nkisbitx kopertura ta' osservazzjoni ta' 100 % kif mitlub mill-WCPFC, u l-Gżejjer Solomon għadhom mhumiex konformi ma' dan, skont l-aħħar rapport annwali ppreżentat lill-Kumitat Xjentifiku fl-2012 ([19]).

(72) Fis-seba' (7) laqgħa tiegħu, il-Kumitat Xjentifiku tal-WCPFC semma li jekk il-prattiki reċenti tas-sajd tal-palamit jippersistu, il-livelli tar-rati tal-qbid x'aktarx jonqsu u l-qabda għandha tonqos hekk kif is-sajd ibaxxi l-livelli tal-istokkijiet sal-livell tar-Rendiment Massimu Sostenibbli. Għaldaqstant, iż-żieda fl-isforz fis-sajd għandha tiġi mmonitorjata ([20]).

(73) Il-Gżejjer Solomon ma japplikawx miżuri tal-WCPFC għall-konservazzjoni u l-ġestjoni fl-ilmijiet arċipelaġiċi tagħhom u ma għandhomx miżuri kompatibbli fis-seħħ. Meta tqis li t-tonn huwa transżonali u jpassi ħafna kif ukoll l-importanza tal-istokkijiet tat-tonn u l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet arċipelaġiċi tal-Gżejjer Solomon, li huma żona ġeografika importanti ta' riproduzzjoni għall-ispeċijiet tat-tonn, din is-sitwazzjoni xxekkel kull sforz ta' konservazzjoni tal-istokk tat-tonn b'mod ġenerali fir-reġjun Paċifiku. Għaldaqstant, il-Gżejjer Solomon ma jiżgurawx l-applikazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fl-ilmijiet kollha taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom b'mod kompatibbli mar-rekwiżiti tal-WCPFC, u skont l-obbligi tagħhom li jiżguraw li l-ispeċijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat tal-kosta ma jiġux ipperikolati minn sfruttament eċċessiv.

(74) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll kull att jew ommissjoni mill-Gżejjer Solomon li setgħu naqqsu l-effettività tal-liġijiet, ir-regoli jew il-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli.

(75) F'dak ir-rigward, la l-Pjan ta' Ġestjoni tat-Tonn fis-seħħ, u lanqas l-abbozz tal-"Ġestjoni tat-Tonn u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Gżejjer Solomon" ma jistabbilixxi għanijiet ċari biex jillimitaw in-numru ta' liċenzji u l-qabda totali permissibbli. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni ddgħajjef il-konformità tal-Gżejjer Solomon mal-obbligi internazzjonali tagħhom. Minhabba li t-tonn huwa stokk transżonali u jpassi ħafna, il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għandhom ikunu konsistenti u kompatibbli fiż-żona kollha tal-migrazzjoni biex dawn ikunu effettivi u sostenibbli, fejn dan huwa wkoll l-għan ġenerali tal-Konvenzjoni tal-WCPFC;

(76) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni, kif ukoll l-istqarrijiet kollha li għamel il-pajjiż, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, li l-Gżejjer Solomon naqsu milli jaqdu dawk li huma d-dmirijiet tagħhom skont id-dritt internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

### 3.4. Restrizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw

(77) Fid-dawl tal-klassifikazzjoni tal-Gżejjer Solomon bħala pajjiż bi żvilupp tal-bniedem baxx u bħala pajjiż l-anqas żviluppat (kif innutat fil-premessa (50)), il-Kummissjoni analizzat jekk l-informazzjoni miġbura setgħetx ikollha rabta mal-limitazzjonijiet speċifiċi tagħhom bħala pajjiż li qed jiżviluppa.

(78) Ta' min jinnota li n-notifika tal-Gżejjer Solomon bħala Stat tal-bandiera ġiet aċċettata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament IUU fil-1 ta' Jannar 2010. Il-Gżejjer Solomon ikkonfermaw, kif jiddikjara l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, li għandhom l-arranġamenti nazzjonali lesti għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li magħhom għandhom ikunu konformi l-bastimenti tas-sajd tagħhom.

([16]) Summary report of the WCPFC Scientific Committee, Seventh Regular Session, Pohnpei, Federated States of Micronesia 9–17 August 2011 (http://www.wcpfc.int/node/2896).
([17]) Summary report of the WCPFC Scientific Committee Eighth Regular Session 7-15 August 2012 (http://www.wcpfc.int/node/4587), it-tqasima 3.1.
([18]) Summary report of the WCPFC Scientific Committee Eighth Regular Session, il-punti 69-71.
([19]) WCPFC Scientific Committee Eighth Regular Session, WCPFC-SC8-AR/CCM-21.
([20]) Summary report of the WCPFC Scientific Committee, Seventh Regular Session, il-punti 35 u 36.

(79) Għalkemm jista' jkun hemm limitazzjonijiet speċifiċi ta' kapaċità b'mod ġenerali fir-rigward tal-kontroll u l-monitoraġġ, il-limitazzjonijiet speċifiċi tal-Gżejjer Solomon li ġejjin mil-livell ta' żvilupp tagħhom ma jistgħux jiġġustifikaw in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-qafas legali nazzjonali b'referenza għall-istrumenti internazzjonali biex jiġġieldu, jiskoraġġixxu u jeliminaw attivitajiet tas-sajd IUU. Barra minn hekk, dawk il-limitazzjonijiet ma jistgħux jiġġustifikaw in-nuqqas tal-Gżejjer Solomon li jistabbilixxu sistema ta' sanzjonijiet għal kontravenzjoni ta' miżuri internazzjonali ta' ġestjoni u konservazzjoni.

(80) Huwa nnutat ukoll li l-Unjoni diġà ħarġet fondi għal azzjoni speċifika ta' assistenza teknika fil-Gżejjer Solomon fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU ([21]) u attwalment qiegħda tkompli tipprovdi assistenza teknika lill-pajjiż permezz ta' programm speċifiku għall-bini tal-kapaċità.

(81) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet magħmulin mill-Gżejjer Solomon, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, li l-istatus ta' żvilupp tal-governanza tas-sajd tal-Gżejjer Solomon jista' jkun imxekkel mil-livell ta' żvilupp tagħhom. Madankollu, meta wieħed iqis in-natura tan-nuqqasijiet stabbiliti tal-Gżejjer Solomon, l-għajnuna mogħtija mill-Unjoni u l-azzjonijiet meħudin biex titranġa s-sitwazzjoni, il-livell ta' żvilupp ta' dak il-pajjiż ma jistax iservi għalkollox bħala skuża jew xort'oħra ta' ġustifikazzjoni għall-prestazzjoni bħala Stat tal-bandiera jew kostali fir-rigward tas-sajd u għall-insuffiċjenza tal-azzjoni tiegħu biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

## 4. KONKLUŻJONI DWAR IL-POSSIBBILTÀ TAL-IDENTIFIKAZZJONI BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(82) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu hawn fuq fir-rigward tan-nuqqas tal-Gżejjer Solomon li ma jaqdux id-dmirijiet tagħhom skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq u ma jeħdux azzjoni biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU, dak il-pajjiż għandu jiġi nnotifikat, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, bil-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż li l-Kummissjoni tikkunsidra li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(83) Skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Gżejjer Solomon bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiż terz li ma jikkooperax. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-proċeduri politiċi kollha stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tal-Gżejjer Solomon. Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandu jiġi stabbilit perjodu li fih il-pajjiż jista' jagħti tweġiba bil-miktub għan-notifika u jirrettifika s-sitwazzjoni.

(84) Barra minn hekk, in-notifika lill-Gżejjer Solomon dwar il-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis li ma jikkooperax għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, la tippreklud u lanqas ma tfisser b'mod awtomatiku li l-Kummissjoni jew il-Kunsill se jieħdu xi azzjoni sussegwenti għall-finijiet tal-identifikazzjoni u l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-Gżejjer Solomon jiġu nnotifikati bil-possibbiltà li jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

Karmenu VELLA

*Membru tal-Kummissjoni*

([21]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 14.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tat-12 ta' Diċembru 2014**

**dwar in-notifika lil pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li dan jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**

(2014/C 447/10)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

1. **INTRODUZZJONI**

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 ("ir-Regolament IUU") jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, il-proċeduri politiċi fir-rigward ta' pajjiżi bħal dawn, l-istabbiliment ta' lista ta' tali pajjiżi, it-tneħħija minn dik il-lista, il-pubbliċità ta' dik il-lista u kull miżura ta' emerġenza.

(3) Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx. Din in-notifika hija ta' natura preliminari. In-notifika għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament IUU. Il-Kummissjoni għandha tieħu wkoll il-proċeduri politiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-pajjiżi terzi nnotifikati. B'mod partikolari, fin-notifika l-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsejsu identifikazzjoni bħal din, tipprovdi lil dawk il-pajjiżi bl-opportunità li jirrispondu u jipprovdu evidenza li tikkontradixxi l-identifikazzjoni u, fejn ikun xieraq, pjan ta' azzjoni għat-titjib u l-miżuri meħudin biex titranġa s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti żmien biżżejjed lill-pajjiżi terzi nnotifikati sabiex jirrispondu għan-notifika u żmien xieraq biex jirretifikaw is-sitwazzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tidentifika l-pajjiżi terzi li hija tqis bħala pajjiżi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Pajjiż terz għandu jkun identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax jekk jonqos milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq u jekk jonqos milli jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

(5) L-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx għandha tkun ibbażata fuq l-eżami tal-informazzjoni kollha kif stabbilit fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU.

(6) Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kunsill għandu jistabbilixxi lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx. Il-miżuri msemmijin, fost oħrajn, fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU japplikaw għal dawk il-pajjiżi.

(7) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati tal-qabda vvalidati minn pajjiżi terzi li huma Stati tal-bandiera hija soġġetta għal notifika lill-Kummissjoni dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom jiġu ssodisfati mill-bastimenti tas-sajd tal-pajjiżi terzi.

(8) Skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tikkoopera b'mod amministrattiv ma' pajjiżi terzi f'oqsma li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

2. **PROĊEDURA FIR-RIGWARD TA' SAINT KITTS U NEVIS**

(9) Mill-21 sat-23 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni żaret Saint Kitts u Nevis fil-kuntest tal-kooperazzjoni amministrattiva prevista fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU.

(1) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

(10) Il-missjoni fittxet li tivverifika l-informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' Saint Kitts u Nevis għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar ta' liġijiet, regolamenti u miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li magħhom għandhom ikunu konformi l-bastimenti tas-sajd tagħha, kif ukoll miżuri meħudin minn Saint Kitts u Nevis biex timplimenta l-obbligi tagħha fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Żjara oħra seħħet fit-23 u fl-24 ta' Lulju 2014, fil-bini tar-Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti ta' Saint Kitts u Nevis f'Londra, ir-Renju Unit.

(11) Ir-rapport finali taż-żjara ntbagħat lil Saint Kitts u Nevis fl-20 ta' Ġunju 2014.

(12) Il-kummenti ta' Saint Kitts u Nevis dwar dak ir-rapport finali waslu fl-14 ta' Lulju 2014.

(13) Saint Kitts u Nevis hija Parti Mhux Kontraenti li Tikkopera għall-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) u, sal-2013, għall-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC). Saint Kitts u Nevis irratifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) tal-1982 u aċċettat il-Ftehim tal-1993 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti li jippromwovi l-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni mill-Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa (Ftehim ta' Osservanza FAO).

(14) Sabiex tevalwa l-konformità ta' Saint Kitts u Nevis mal-obbligi internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali msemmija fil-premessa (13) u stabbiliti mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs), f'dan il-każ l-NEAFC u d-WCPFC, il-Kummissjoni fittxet u analizzat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għall-fini ta' eżerċizzju bħal dan.

(15) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni maħruġa mid-dejta disponibbli ppubblikata mill-RFMOs, f'dan il-każ il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku (CCAMLR) u d-WCPFC, kif ukoll l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

## 3. POSSIBBILTÀ LI SAINT KITTS U NEVIS TIĠI IDENTIFIKATA BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(16) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni analizzat id-dmirijiet ta' Saint Kitts u Nevis bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq. Għall-fini ta' dak l-eżami, il-Kummissjoni qieset il-kriterji elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 3.1 Ir-rikorrenza tal-bastimenti IUU u l-flussi tal-kummerċ IUU (l-Artikolu 31(4) tar-Regolament IUU)

(17) Minn informazzjoni pprovduta mill-operaturi ekonomiċi u mill-Istati kostali rilevanti, il-Kummissjoni għandha evidenza tar-reġistrazzjoni reċenti fir-Reġistru ta' Saint Kitts u Nevis ta' bastiment tas-sajd ta' appoġġ li qabel kien involut fi trażbordi illegali bil-bandiera tal-Panama. It-trażbordi illegali saru bi ksur tal-liġijiet tal-Istati kostali tul il-kosta Afrikana tal-Punent matul ħames snin sal-2012. Il-bastiment ta' appoġġ kien qed jopera f'dak il-perjodu taħt il-bandiera tal-Panama mingħajr liċenzja valida maħruġa mill-Panama għat-trasport, it-trażbord u l-appoġġ għall-attivitajiet tas-sajd. Il-bastiment wettaq trażbordi mhux awtorizzati fl-ilmijiet taż-żona ekonomika esklussiva (EEZ) tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw u rċieva ħut maqbud minn bastimenti fl-ilmijiet li għalihom ir-Repubblika tal-Liberja kienet imponiet miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni u ġestjoni b'kontravenzjoni ta' dawn il-miżuri. L-attivitajiet IUU ta' bastimenti ta' appoġġ ġew investigati mill-Istat tal-bandiera kkonċernat (il-Panama) u minn wieħed mill-Istati kostali (il-Liberja). B'risposta għall-attivitajiet IUU, l-Istat tal-bandiera (il-Panama) u l-Istat kostali (il-Liberja) imponew multi fuq dak il-bastiment ta' appoġġ fl-2012 u fl-2013 rispettivament. Konsegwentement, il-bastiment kien tneħħa mir-reġistru tal-bandiera tal-Panama u biddel ismu. Sussegwentement, dan irreġistra bil-bandiera ta' Saint Kitts u Nevis fl-2014. L-operazzjonijiet IUU rikorrenti fl-imgħoddi ta' dak il-bastiment kellhom jitqiesu minn Saint Kitts u Nevis fl-eżerċizzju tar-responsabbiltà tagħha biex tiżgura li l-bastimenti ma jkunux involuti f'sajd IUU u r-reġistrazzjoni tagħhom taħt il-bandiera tagħha ma tirriżultax f'sajd IUU.

(18) Meta awtorizzat ir-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd ta' appoġġ li qabel kien involut f'attivitajiet tas-sajd IUU li dgħajfu l-effikaċja tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni mingħajr verifika preċedenti tal-prattiki IUU fl-imgħoddi ta' dan il-bastiment, Saint Kitts u Nevis naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 94 tal-UNCLOS; L-Artikolu III (1)(a) u (5)(a) tal-Ftehim ta' Osservanza FAO; il-punti 36 u 38 tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IPOA IUU) u l-punt 18 tal-Linji gwida volontarji tal-FAO dwar il-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera.

(19) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata fil-premessi (17) u (18) u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet li saru minn Saint Kitts u Nevis, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4)(a) tar-Regolament IUU, li Saint Kitts u Nevis naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tas-sajd IUU imwettaq jew appoġġjat minn bastimenti li attwalment itajru

l-bandiera tagħha u li qabel kienu involuti f'attivitajiet IUU. Dak in-nuqqas kien osservat b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' azzjonijiet biex jitwettqu verifiki fuq l-attivitajiet IUU dokumentati u rikorrenti fl-imgħoddi ta' bastiment ta' appoġġ. Din l-azzjoni għandha natura partikolarment gravi meta wieħed iqis il-fatt li l-bdil tal-bandiera jirrigwarda bastiment magħruf għall-attivitajiet IUU preċedenti. Skont l-Artikolu 31(4)(b) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-miżuri meħuda minn Saint Kitts u Nevis fir-rigward tal-aċċess ta' prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin minn sajd IUU lejn is-suq tagħhom.

(20) L-IPOA IUU jipprovdi gwida dwar miżuri relatati mas-suq miftiehma fil-livell internazzjonali li tappoġġja t-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tal-kummerċ tal-ħut u tal-prodotti tal-ħut li jkunu ġejjin minn sajd IUU. Fil-punt 71 l-IPOA IUU jissuġġerixxi wkoll li l-Istati għandhom jieħdu passi biex itejbu t-trasparenza tas-swieq tagħhom sabiex jippermettu t-traċċabbiltà tal-ħut jew tal-prodotti tal-ħut. Bl-istess mod, il-Kodiċi ta' Kondotta għas-Sajd Responsabbli (il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO) jishaq, b'mod partikolari fl-Artikolu 11, fuq il-prattiki tajbin għal wara l-ħsad u l-kummerċ internazzjonali responsabbli. L-Artikolu 11(1)(11) ta' dak il-Kodiċi ta' Kondotta jitlob lill-Istati jiżguraw li l-kummerċ internazzjonali u lokali tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd isir skont il-prattiki ta' konservazzjoni u ġestjoni tajbin billi jtejbu l-identifikazzjoni tal-oriġini tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd.

(21) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li t-traċċabbiltà tal-prodotti hija mxekkla minn nuqqas ta' trasparenza fil-liġijiet nazzjonali u fis-sistemi ta' reġistrazzjoni u ta' ħruġ tal-liċenzji ta' Saint Kitts u Nevis.

(22) Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO jirrakkomanda t-trasparenza fil-liġijiet tas-sajd u fit-tfejjija tagħhom, kif ukoll għall-proċessi rispettivi ta' tfassil ta' politika u deċiżjonijiet u ta' ġestjoni (l-Artikoli 6(13) u 7(1)(9) rispettivament). Dan il-kodiċi jipprovdi prinċipji u standards applikabbli għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-iżvilupp tas-sajd kollu u jkopri wkoll, fost l-oħrajn, il-qbid, l-ipproċessar u l-kummerċ tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd, l-operazzjonijiet tas-sajd u r-riċerka fil-qasam tas-sajd. Fl-Artikoli 11(2) u 11(3) tiegħu, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO jkompli jispeċifika li l-kummerċ internazzjonali tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd ma għandux jikkomprometti l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd u għandu jissejjes fuq miżuri trasparenti, kif ukoll fuq liġijiet, regolamenti u proċeduri amministrattivi trasparenti, sempliċi u komprensivi.

(23) Matul iż-żjara tagħha, il-Kummissjoni stabbilixxiet li Saint Kitts u Nevis mhijiex f'pożizzjoni li tipprovdi informazzjoni dwar liema speċijiet inqabdu mill-flotta tas-sajd tal-ibħra miftuħa ta' Saint Kitts u Nevis u x'kienu l-flussi tal-kummerċ tal-prodotti maqbuda. Il-Kummissjoni qieset, abbażi tal-informazzjoni miksuba permezz taż-żjara tagħha, li Saint Kitts u Nevis ma kinitx f'pożizzjoni li tiggarantixxi t-trasparenza tas-swieq tagħha biex tippermetti t-traċċabbiltà tal-ħut u tal-prodotti tal-ħut kif stabbilit fil-punt 71 tal-IPOA IUU.

(24) Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għall-għoti ta' awtorizzazzjoni tas-sajd iddefiniti fl-Att dwar is-Sajd ta' St. Christopher u Nevis tal-2002 (applikabbli biss fl-ibħra ġurisdizzjonali ta' Saint Kitts u Nevis, l-"Att dwar is-Sajd tal-2002") u l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili ta' Saint Christopher u Nevis tal-2002 (applikabbli biss għall-flotta tal-ibħra miftuħa ta' Saint Kitts u Nevis, l-"Att dwar is-Sajd tal-2002") ma jinkludux obbligi ta' rappurtar kif previst fil-punt 47(2) tal-IPOA IUU u l-punt 29(c)(iv) u fl-Anness I tal-Linji Gwida tal-FAO għall-Prestazzjoni ta' Stat tal-Bandiera. L-awtoritajiet iddikjaraw li huma kienu introduċew ukoll dispożizzjonijiet legali speċifiċi dwar ir-Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti ta' Saint Kitts u Nevis sabiex jirregolaw l-operazzjonijiet tal-bastimenti (Ċirkulari Marittima Nru MC/58/13 ta' Diċembru 2013). Madankollu, dik iċ-Ċirkulari ma fiha l-ebda dispożizzjoni li tagħti s-setgħa lir-Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti ta' Saint Kitts u Nevis li jadotta atti vinkolanti fir-rigward tal-obbligi ta' rapportar tal-bastimenti. Dan in-nuqqas ta' dejta minn Saint Kitts u Nevis ma jippermettilhiex li ssegwi sew it-traċċabbiltà tal-prodotti tal-ħut u jimmina l-kapaċità tagħha li tipprevjeni l-kummerċ ta' prodotti tas-sajd IUU. Minħabba n-nuqqas ċert ta' traċċabbiltà u n-nuqqas ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' Saint Kitts u Nevis dwar il-ħut li nħatt l-art jew ġie trażbordat minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha, Saint Kitts u Nevis ma tistax tiżgura li l-kummerċ ta' prodotti tas-sajd imwettaq f'dan il-pajjiż ma jkunx joriġina minn sajd IUU. F'dak ir-rigward, Saint Kitts u Nevis naqset li tqis ir-rakkomandazzjonijiet fil-punt 24 tal-IPOA IUU li jagħti parir lill-Istati tal-bandiera biex jiżguraw il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza komprensivi u effikaċi tas-sajd, mill-punt tal-ħatt l-art sad-destinazzjoni finali.

(25) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni, kif ukoll l-istqarrijiet magħmula minn Saint Kitts u Nevis, seta' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4)(a) u (b) tar-Regolament IUU, Saint Kitts u Nevis naqset milli taqbdi l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera u tas-suq biex tipprevjeni l-aċċess ta' prodotti tas-sajd li ġejjin mis-sajd IUU lejn is-suq tagħha.

### 3.2 Nuqqas ta' kooperazzjoni u infurzar (l-Artikolu 31(5) tar-Regolament IUU)

(26) Il-Kummissjoni analizzat jekk l-awtoritajiet ta' Saint Kitts u Nevis ikkooperawx b'mod effikaċi mal-Kummissjoni, billi pprovdew tweġiba għat-talbiet li saru mill-Kummissjoni biex jiġi investigat is-sajd IUU u l-attivitajiet assoċjati miegħu u biex ikun hemm rispons jew segwitu tiegħu.

(27) Filwaqt li l-awtoritajiet tas-sajd ta' Saint Kitts u Nevis kienu ġeneralment kooperattivi biex iwieġbu u jipprovdu rispons għat-talbiet għall-informazzjoni, l-affidabbiltà u l-korrettezza tat-tweġibiet tagħhom kienu ġew imminati u kompromessi min-nuqqas ta' qafas legali u trasparenza fis-sistema ta' ġestjoni tas-sajd tagħha kif stabbilit fit-Taqsima 3(1).

(28) Barra minn hekk, fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali ta' kemm Saint Kitts u Nevis issodisfat l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk Saint Kitts u Nevis ikkooperatx ma' Stati oħra fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(29) Mill-informazzjoni miksuba matul iż-żjarat u mill-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi kostali, il-Kummissjoni stabbilixxiet li fl-ibħra tal-Afrika tal-Punent qed joperaw bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Saint Kitts u Nevis. L-awtoritajiet ta' Saint Kitts u Nevis irrikonoxxew li l-gvern tagħhom ma kkooperax formalment mal-pajjiżi terzi fejn operaw il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Saint Kitts u Nevis.

(30) Is-sitwazzjoni deskritta fil-premessa (29) tindika li Saint Kitts u Nevis naqset milli tikkoopera u tikkoordina l-attivitajiet mal-Istati kostali fl-ibħra tal-Afrika tal-Punent biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU kif stabbilit fil-punt 28 tal-IPOA IUU. B'mod partikolari, kif stabbilit fil-punt 31 tal-IPOA IUU, Saint Kitts u Nevis bħala Stat tal-bandiera għandha tikkonkludi ftehimiet jew arranġamenti ma' Stati oħra u tikkoopera għall-infurzar tal-liġijiet applikabbli u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni jew id-dispożizzjonijiet adottati fil-livell nazzjonali, reġjonali jew globali.

(31) Barra minn hekk, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk Saint Kitts u Nevis ħaditx miżuri effikaċi ta' infurzar fir-rigward tal-operaturi responsabbli għas-sajd IUU u jekk kinux applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti li jċaħħdu lit-trasgressuri mill-benefiċċji li joħorġu mis-sajd IUU.

(32) L-evidenza disponibbli tikkonferma li Saint Kitts u Nevis ma ssodisfatx l-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali fir-rigward tal-miżuri effikaċi ta' infurzar. F'dan ir-rigward, il-qafas legali huwa bbażat fuq l-Att dwar is-Sajd tal-2002 (fir-rigward tas-sajd fl-ibħra ġuriżdizzjonali ta' Saint Kitts u Nevis) u fuq l-Att dwar il-Bastimenti tal-2002 (fir-rigward tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Saint Kitts u Nevis li jimmiraw lejn is-sajd fl-ibħra miftuħa). Ta' min jinnota li f'ittra li ntbagħtet lill-FAO f'Ġunju 2013, Saint Kitts u Nevis irrikonoxxiet li s-sistema legali tas-sajd attwali tagħha kienet "mhux totalment kompatibbli" mal-liġi internazzjonali.

(33) Il-qafas legali għall-ibħra ġuriżdizzjonali ta' Saint Kitts u Nevis ma jikkonformax mar-rekwiżiti bażiċi fl-Artikoli 61, 62 u 117 sa 119 tal-UNCLOS. Ma hemm l-ebda strateġija nazzjonali dwar il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-flotta tas-sajd u l-ebda spezzjoni u lanqas skema tal-osservaturi. Barra minn hekk, il-qafas legali ta' Saint Kitts u Nevis ma jindirizzax l-attivitajiet tas-sajd IUU. F'dan ir-rigward, il-qafas legali attwali ma fihx definizzjoni ta' ksur serju u lista komprensiva ta' reati serji indirizzati b'sanzjonijiet severi proporzjonati. Għalhekk, is-sistema tas-sanzjonijiet fil-forma attwali tagħha mhijiex komprensiva u severa biżżejjed biex twettaq il-funzjoni tagħha ta' deterrent. Tabilħaqq, l-indirizzar ta' ksur u ksur serju mhuwiex adegwat biex jiżgura l-konformità, biex jiskoraġġixxi l-ksur tal-liġi kull fejn dan iseħħ u biex iċaħħad lit-trasgressuri mill-benefiċċji li joħorġu mill-attivitajiet illegali tagħhom, kif mitlub fil-punt 21 tal-FAO IPOA u fil-punt 38 tal-Linji Gwida tal-FAO għall-Prestazzjoni tal-Istati tal-bandiera.

(34) Ta' min jinnota li bħala Stat tal-bandiera, Saint Kitts u Nevis ma għandhiex qafas legali fil-qasam tal-ġestjoni, il-konservazzjoni u l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza li jippermetti r-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd fl-ibħra miftuħa jew fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi. Il-flotta tas-sajd fiż-żona NEAFC biss topera skont dawk ir-regoli tal-RFMOs u tissodisfa r-rekwiżiti fiż-żona minkejja l-fatt li ma hemm fis-seħħ l-ebda qafas legali speċifiku ta' Saint Kitts u Nevis. Saint Kitts u Nevis irrikonoxxiet li dan in-nuqqas ta' qafas legali jikser l-UNCLOS u l-IPOA IUU fir-rigward tar-responsabilitajiet tal-Istat tal-bandiera kif ukoll il-Linji Gwida tal-FAO dwar il-Prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera.

(35) Barra dan, fir-rigward tal-konformità u l-infurzar tar-regoli eżistenti għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa fl-ibħra miftuħa u fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif deskritt fil-premessa (33), Saint Kitts u Nevis ma għandha l-ebda leġiżlazzjoni speċifika biex tindirizza l-attivitajiet tas-sajd IUU. Ma hemm l-ebda definizzjoni espliċita tal-attivitajiet IUU u mhumiex previsti miżuri amministrattivi ta' akkumpanjament. L-unika miżura meħuda hija t-tneħħija mir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd. Madankollu, azzjoni bħal din ma timplikax li jsiru investigazzjonijiet tal-attivitajiet illegali tas-sajd imwettqa mill-bastimenti jew li jkunu imposti sanzjonijiet għall-ksur stabbilit. Tabilħaqq, it-tneħħija ta' bastiment tas-sajd mir-reġistru ma tiżgurax li dawk responsabbli mill-ksur ikunu ssanzjonati għall-azzjonijiet tagħhom u jkunu mċaħħdin mill-benefiċċji li joħorġu mill-azzjonijiet tagħhom. Dan huwa saħansitra aktar importanti għall-każ ta' Saint Kitts u Nevis li, kif spjegat fil-premessa (45), iżżomm Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-bastimenti li jinsab barra minn Saint Kitts u Nevis u li ma jiżgurax li l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Saint Kitts u Nevis għandhom rabta ġenwina mal-pajjiż kif mitlub

fl-Artikolu 91 tal-UNCLOS. Il-Kummissjoni stabbilixxiet matul iż-żjarat tagħha li d-diversi aġenziji ta' Saint Kitts u Nevis ma jikkoordinawx lilhom infushom waqt il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti u fl-istess waqt ma jikkooperawx ma' Stati tal-bandiera preċedenti fir-rigward tal-istatus tal-bastimenti li jridu jiġu rreġistrati sabiex jiġi evitat "flag hopping" (bdil frekwenti tal-bandiera) kif rakkomandat fil-punt 16(e) tal-Linji Gwida tal-FAO għall-Prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera. Id-deċiżjoni amministrattiva sempliċi li bastiment tas-sajd jitneħħa mir-reġistru mingħajr ma tkun żgurata l-possibbiltà li jkunu imposti pieni oħra hija att li ma jiżgurax effetti ta' deterrent. Tali azzjoni wkoll ma tiżgurax kontroll mill-Istat tal-bandiera fuq il-bastimenti tas-sajd kif meħtieġ skont l-Artikolu 94 tal-UNCLOS. Barra dan, il-prestazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis fir-rigward tal-konformità u l-infurzar mhijiex skont il-punt 18 tal-IPOA IUU li jistipula li fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS, kull Stat għandu jieħu miżuri jew jikkoopera biex jiżgura li ċ-ċittadini soġġetti għall-ġuriżdizzjoni tagħhom ma jappoġġjawx jew jieħdu sehem f'sajd IUU. Il-prestazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis f'dan ir-rigward ukoll mhijiex skont ir-rakkomandazzjonijiet fil-punt 21 tal-IPOA IUU li jagħti parir lill-Istati biex jiżguraw li s-sanzjonijiet għas-sajd IUU mill-bastimenti u, sakemm ikun l-aktar possibbli, miċ-ċittadini taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, ikunu ta' severità suffiċjenti biex b'mod effikaċi jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU u jċaħħdu lit-trasgressuri mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet illegali tagħhom. Barra minn hekk, dik il-prattika amministrattiva, li tista' tattira lill-operaturi IUU għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti IUU, mhijiex konformi mal-Artikolu 94 tal-UNCLOS.

(36) Bl-istess mod, fir-rigward tal-istorja, in-natura, iċ-ċirkostanzi, id-daqs u l-gravità tal-manifestazzjonijiet tas-sajd IUU kkunsidrati, il-possibbiltà li jiġu vvalutati dawk l-aspetti hija kkompromessa min-nuqqas deskritt ta' qafas legali u min-nuqqas ta' ċarezza u trasparenza. Minħabba dawn in-nuqqasijiet, ma tistax tiġi stabbilita, b'mod affidabbli, id-dimensjoni potenzjali tal-attivitajiet relatati mas-sajd IUU. Madankollu, huwa fatt rikonoxxut li n-nuqqas ta' trasparenza flimkien mal-fatt li huwa impossibbli li jsiru kontrolli effettivi, jinkoraġġixxi l-imġiba illegali.

(37) Fir-rigward tal-kapaċità eżistenti ta' Saint Kitts u Nevis, ta' min jinnota li, skont l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti [2], Saint Kitts u Nevis titqies bħala pajjiż bi żvilupp għoli tal-bniedem (it-72 minn 187 pajjiż). Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] Saint Kitts u Nevis hija elenkata fil-kategorija ta' Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju-Għoli, skont il-benefiċjarji tal-għajnuna tal-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp (DAC) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-1 ta' Jannar 2013 [4]. Meta titqies il-pożizzjoni tagħha, mhijiex meħtieġa analiżi tal-kapaċità finanzjarja u amministrattiva eżistenti ta' Saint Kitts u Nevis. Ir-raġuni hija li l-livell ta' żvilupp ta' Saint Kitts u Nevis, kif muri f'din il-premessa, ma jistax jitqies bħala fattur li jimmina l-kapaċità tagħha li tikkoopera ma' pajjiżi oħra u li ssegwi azzjonijiet ta' infurzar.

(38) Minkejja l-analiżi fil-premessa (37), ta' min jinnota wkoll li, abbażi tal-informazzjoni miksuba miż-żjarat tal-Kummissjoni f'Mejju u f'Lulju 2014, ma jistax jitqies li Saint Kitts u Nevis hija nieqsa mir-riżorsi finanzjarji. Pjuttost hija nieqsa mis-setgħa u mill-ambjent legali u amministrattivi meħtieġa biex tiġi żgurata l-prestazzjoni effiċjenti u effikaċi tad-dmirijiet tagħha.

(39) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni, kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet kollha magħmula mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u 31(5) tar-Regolament IUU, li Saint Kitts u Nevis naqset milli taqdi d-dmirijiet tagħha skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-isforzi ta' kooperazzjoni u infurzar.

### 3.3 Nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)

(40) Saint Kitts u Nevis irratifikat l-UNCLOS u l-Ftehim ta' Osservanza FAO. Saint Kitts u Nevis hija parti mhux kontraenti li tikkoopera għall-NEAFC u, sal-2013, għad-WCPFC.

(41) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha li qieset rilevanti fir-rigward tal-istatus ta' Saint Kitts u Nevis bħala parti mhux kontraenti li tikkoopera għall-NEAFC.

(42) Bħala Parti mhux kontraenti li tikkoopera għall-NEAFC, Saint Kitts u Nevis trid tikkonforma mal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (il-Konvenzjoni tal-NEAFC). Il-Konvenzjoni tal-NEAFC u d-Dikjarazzjoni tal-2013 dwar l-Interpretazzjoni u l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, jirrikonoxxu, fost testi internazzjonali oħra, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut (UNFSA) [5]. F'dan ir-rigward, Saint Kitts u Nevis għandha tikkonforma mal-UNFSA. Madankollu, il-fatti deskritti

[2] Informazzjoni miksuba mis-sit elettroniku: http://hdr.undp.org/en/statistics

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

[4] Il-Lista tal-benefiċjarji tal-ODA tad-DAC (http://www.oecd.org/dac/stats/daclistofodarecipients.htm)

[5] Ara l-Preambolu tad-Dikjarazzjoni dwar l-Interpretazzjoni u l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, kif miġjub minn http://www.dgrm.min-agricultura.pt/xeo/attachfileu.jsp?look_parentBoui=248939&att_display=n&att_download=y

fil-premessi (17)(18)(23)(24), (29) sa (36) u (43)-(44) juru li Saint Kitts u Nevis ma ssodisfatx l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera fir-rigward ta' dan il-ftehim. Il-Kummissjoni tqis li dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkostitwixxu evidenza ta' appoġġ li d-Deċiżjoni attwali hija ġġustifikata.

(43) Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba permezz taż-żjarat fl-2014 u mill-Istati kostali involuti, li l-flotta ta' Saint Kitts u Nevis qed tistad għat-tonn u għal speċijiet simili għat-tonn fl-ilmijiet ġuriżdizzjonali tal-Istati kostali tal-Afrika tal-Punent. B'hekk l-Istat tal-bandiera, Saint Kitts u Nevis, għandu jikkoopera mal-RFMO kompetenti f'dik iż-żona u għal dik l-ispeċi, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Madankollu, Saint Kitts u Nevis la hija parti kontraenti u lanqas parti mhux kontraenti li tikkoopera mill-ICCAT. Bħala Stat tal-bandiera Saint Kitts u Nevis mhux qed tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 64 tal-UNCLOS għal Stati oħra li ċ-ċittadini tagħhom jistadu f'żoni li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stati kostali.

(44) Saint Kitts u Nevis la hija parti kontraenti u lanqas parti mhux kontraenti li tikkoopera għas-CCAMLR. Fl-"Implimentazzjoni ta' Miżura ta' Konservazzjoni 10-05" [6], is-Segretarjat tas-CCAMLR enfasizza li, mill-24 ta' Settembru 2013, Saint Kitts u Nevis kienet ġiet identifikata matul l-aħħar ħames snin bħala possibbilment involuta fil-ħsad u/jew fil-kummerċ ta' *dissostichus* spp. filwaqt li ma tikkooperax mas-CCAMLR billi tipparteċipa fl-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid. Billi ma kkooperatx f'dan ir-rigward mas-CCAMLR, Saint Kitts u Nevis naqset milli tħares l-obbligi tagħha bħala Stat tal-bandiera, kif stabbilit fl-Artikolu 119(2) tal-UNCLOS.

(45) Barra minn hekk, kif ġie żvelat matul iż-żjara mwettqa mill-Kummissjoni f'Saint Kitts u Nevis, dan il-pajjiż iżomm Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti li jinsab barra minn Saint Kitts u Nevis. Il-livell baxx ta' kontroll mill-awtoritajiet ta' Saint Kitts u Nevis għall-proċess ta' reġistrazzjoni u n-nuqqas ta' rekwiżiti rilevanti bħal dawk stabbiliti fil-punt 14 tal-Linji Gwida tal-FAO għall-Prestazzjoni ta' Stat tal-Bandiera, ma jiżgurawx li l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Saint Kitts u Nevis għandhom rabta ġenwina mal-pajjiż. In-nuqqas ta' rabta ġenwina bħal din bejn l-Istat u l-bastimenti li jkunu rreġistrati fir-reġistru tiegħu huwa ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti għan-nazzjonalità ta' vapuri skont l-Artikolu 91 tal-UNCLOS.

(46) Fl-aħħar nett, għall-kuntrarju tar-rakkomandazzjonijiet fil-punti 25, 26 u 27 tal-IPOA IUU, Saint Kitts u Nevis ma żviluppatx pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra s-sajd IUU.

(47) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni, kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet kollha magħmula mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, li Saint Kitts u Nevis naqset milli taqdi d-dmirijiet tagħha skont id-dritt internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

### 3.4. Limitazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw

(48) Ta' min ifakkar li, skont l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti [7], Saint Kitts u Nevis titqies bħala pajjiż bi żvilupp għoli tal-bniedem. (it-72 minn 187 pajjiż). Ta' min ifakkar ukoll li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006, Saint Kitts u Nevis hija elenkata fil-kategorija ta' Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju-Għoli.

(49) Meta titqies dik il-gradazzjoni, Saint Kitts u Nevis ma tistax titqies bħala pajjiż li għandu limitazzjonijiet speċifiċi li ġejjin direttament mil-livell ta' żvilupp tagħha. Ma setgħet tiġi stabbilita ebda evidenza korroborattiva li tissuġġerixxi li n-nuqqas ta' Saint Kitts u Nevis milli taqdi d-dmirijiet tagħha skont id-dritt internazzjonali, huwa r-riżultat ta' nuqqas ta' żvilupp. Bl-istess mod, ma teżisti ebda evidenza konkreta li tikkorrelata n-nuqqasijiet żvelati fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd man-nuqqas ta' kapaċitajiet u infrastruttura. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-awtoritajiet ta' Saint Kitts u Nevis ma rrevokaw ebda argument dwar il-limitazzjonijiet tal-iżvilupp u argumentaw li l-amministrazzjoni tagħhom għandha livell ta' effiċjenza ġeneralment tajjeb.

(50) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni, kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet kollha magħmula mill-pajjiż, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, li l-istatus ta' żvilupp u l-prestazzjoni globali ta' Saint Kitts u Nevis fir-rigward tas-sajd mhumiex imdgħajfin mil-livell ta' żvilupp tagħha.

(6) CCAMLR-XXXII/BG/08.24 ta' Settembru 2013.
(7) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

## 4. KONKLUŻJONI DWAR IL-POSSIBBILTÀ TA' IDENTIFIKAZZJONI BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(51) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu fir-rigward tan-nuqqas ta' Saint Kitts u Nevis milli taqdi d-dmirijiet tagħha skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq u biex tieħu azzjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU, dak il-pajjiż għandu jiġi nnotifikat, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, bil-possibbiltà li jiġi identifikat mill-Kummissjoni bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(52) Skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lil Saint Kitts u Nevis bil-possibbiltà li tiġi identifikata bħala pajjiż terz li ma jikkooperax. Il-Kummissjoni għandha tieħu wkoll il-proċeduri politiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward ta' Saint Kitts u Nevis. Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandu jiġi stabbilit perjodu li fih dak il-pajjiż jista' jwieġeb bil-miktub għan-notifika u jirrettifika s-sitwazzjoni.

(53) Barra minn hekk, in-notifika ta' Saint Kitts u Nevis dwar il-possibbiltà li tiġi identifikata bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis li ma jikkooperax għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ma teskludi u ma timplika awtomatikament l-ebda pass sussegwenti meħud mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill għall-finijiet tal-identifikazzjoni u tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Saint Kitts u Nevis għandha tiġi nnotifikata bil-possibbiltà li tiġi identifikata mill-Kummissjoni bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

Karmenu VELLA

*Membru tal-Kummissjoni*

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tat-12 ta' Diċembru 2014**

**dwar in-notifika lil pajjiż terz bil-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**

(2014/C 447/11)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

1. **INTRODUZZJONI**

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 ("ir-Regolament IUU") jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, il-proċeduri politiċi fir-rigward ta' pajjiżi bħal dawn, l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi bħal dawn, it-tneħħija minn dik il-lista, il-pubbliċità ta' dik il-lista u kull miżura ta' emerġenza.

(3) Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jkunu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx. Din in-notifika hija ta' natura preliminari. In-notifika għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament IUU. Il-Kummissjoni għandha tieħu wkoll il-proċeduri politiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tal-pajjiżi terzi nnotifikati. B'mod partikolari, fin-notifika, l-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsejsu identifikazzjoni bħal din, tipprovdi lil dawk il-pajjiżi bl-opportunità li jwieġbu u jipprovdu evidenza li tikkontradixxi l-identifikazzjoni jew, fejn xieraq, pjan ta' azzjoni biex itejjeb is-sitwazzjoni u l-miżuri meħudin li jirrettifikawha. Il-Kummissjoni għandha tagħti żmien adegwat lill-pajjiżi terzi kkonċernati biex jirrispondu n-notifika u żmien xieraq biex jirranġaw is-sitwazzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni Ewropea tista' tidentifika lill-pajjiżi terzi li hija tqis bħala pajjiżi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Pajjiż terz jista' jkun identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax jekk jonqos milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, jew milli jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

(5) L-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx għandha tkun ibbażata fuq ir-reviżjoni tal-informazzjoni kollha kif inhu stipulat fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU.

(6) Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kunsill jista' jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Il-miżuri msemmijin, fost oħrajn, fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU japplikaw għal dawk il-pajjiżi.

(7) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati tal-qabda vvalidati minn Stati tal-bandiera hija soġġetta għal notifika lill-Kummissjoni dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom ikunu konformi mill-bastimeti tas-sajd tal-pajjiżi terzi kkonċernati.

(8) Skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni tikkoopera b'mod amministrattiv ma' pajjiżi terzi f'oqsma li jappartjenu għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

2. **PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAT-TUVALU**

(9) Mit-18 sal-20 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (European Fisheries Control Agency - EFCA), żaret it-Tuvalu fil-kuntest ta' kooperazzjoni amministrattiva stipulata fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU.

([1]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

(10) Iż-żjara kellha l-għan li tivverifika informazzjoni dwar l-arranġamenti tat-Tuvalu għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li magħhom għandhom ikunu konformi l-bastimenti tas-sajd tiegħu, kif ukoll miżuri meħudin mit-Tuvalu biex jimplimenta l-obbligi tiegħu fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(11) Ir-rapport finali taż-żjara ntbagħat lit-Tuvalu fit-18 ta' Marzu 2014.

(12) It-Tuvalu wieġeb għar-rapport finali taż-żjara fis-16 ta' Ottubru 2014.

(13) It-Tuvalu huwa membru tal-Kummissjoni tas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (Western and Central Pacific Fisheries Commission - WCPFC). It-Tuvalu rratifika l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982 (United Nations Convention on the Law of the Sea - UNCLOS) u l-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1995 għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna (UNFSA). Dan huwa Parti għall-Konvenzjoni tal-Aġenzija tas-Sajd tal-Forum tal-Paċifiku tan-Nofsinhar [1] (Konvenzjoni FFA) u għall-Ftehim ta' Nauru (PNA) li jikkonċernaw il-kooperazzjoni fil-ġestjoni tas-sajd ta' interess komuni [2].

(14) Biex tevalwa l-konformità tat-Tuvalu mal-obbligi internazzjonali tiegħu bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq stipulati fil-ftehimiet internazzjonali msemmija fil-premessa (13) u stabbiliti mill-RFMO rilevanti msemmija fil-premessa, il-Kummissjoni fittxet u analizzat l-informazzjoni kollha li hija qieset meħtieġa għall-fini ta' eżerċizzju bħal dan.

(15) Il-Kummissjoni użat ukoll l-informazzjoni miksuba mid-dejta disponibbli ppubblikata mill-RFMO, f'dan il-każ il-WCPFC, kif ukoll l-informazzjoni disponibbli pubblikament.

## 3. IL-POSSIBBILTÀ LI T-TUVALU JIĠI IDENTIFIKAT BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(16) Skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni analizzat l-obbligi tat-Tuvalu bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq. Għall-fini ta' dak l-eżami, il-Kummissjoni qieset il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 3.1. Rikorrenza tal-Bastimenti IUU u l-flussi kummerċjali IUU (l-Artikolu 31(4) tar-Regolament IUU)

(17) Fir-rigward tal-bastimenti bil-bandiera tat-Tuvalu, huwa nnotat li abbażi tal-informazzjoni miksuba mil-listi tal-bastimenti tal-RFMO m'hemmx bastimenti fil-listi IUU provviżorji jew finali u ma teżisti l-ebda evidenza ta' każijiet fl-imgħoddi ta' bastimenti bil-bandiera tat-Tuvalu li tippermetti lill-Kummissjoni tanalizza l-prestazzjoni tat-Tuvalu fir-rigward ta' attivitajiet rikorrenti ta' sajd IUU skont l-Artikolu 31(4)(a) tar-Regolament IUU.

(18) Fin-nuqqas ta' informazzjoni u evidenza kif spjegat fil-premessa (17), skont l-Artikolu 31(3) u 31(4)(a), il-konklużjoni hija li m'hemmx ħtieġa li tkun evalwata l-konformità tal-azzjoni tat-Tuvalu biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU, bid-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward ta' bastimenti IUU u ta' sajd IUU mwettaq jew appoġġjat mill-bastimenti tas-sajd bil-bandiera tiegħu jew miċ-ċittadini tiegħu.

### 3.2. Nuqqas ta' kooperazzjoni u ta' infurzar (l-Artikolu 31(5) tar-Regolament IUU)

(19) Il-Kummissjoni analizzat jekk it-Tuvalu kkooperax b'mod effettiv mal-Kummissjoni, billi wieġeb għat-talbiet magħmulin mill-Kummissjoni biex jiġi investigat, biex ikun hemm rispons jew segwitu fis-sajd IUU u l-attivitajiet assoċjati.

(20) F'dak ir-rigward, it-Tuvalu rrifjuta li jikkoopera mal-Kummissjoni billi jindirizza n-nuqqasijiet fis-sistema tal-ġestjoni tas-sajd tiegħu identifikati matul iż-żjara tal-Kummissjoni. Fit-tweġiba tar-rapport finali ppreżentat fis-16 ta' Ottubru 2014, it-Tuvalu ma ppreżenta l-ebda impenji kuntrattwali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, it-Tuvalu rrikonoxxa l-kwistjonijiet u l-isfidi, filwaqt li jqis li jeħtieġ għajnuna teknika u ħin biex jaħdem fuq titjib iżda ma joffri l-ebda impenn jew pjan konkret ta' azzjoni biex jissolvew in-nuqqasijiet stabbiliti.

(21) Fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali dwar it-twettiq tad-dmirijiet tat-Tuvalu li jissodisfa l-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera, tal-port u tal-kosta, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk it-Tuvalu ikkooperax ma' Stati tal-bandiera oħrajn fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

[1] http://www.ffa.int/
[2] Il-Ftehim ta' Nauru (http://www.ffa.int/node/93#attachments).

(22) Skont l-Artikoli 63 u 64 tal-UNCLOS, l-Istati tal-kosta u tal-bandiera għandhom jikkooperaw fir-rigward tal-ispeċijiet ta' ħut transżonali u li jpassi ħafna. L-Artikoli 7 u 20 tal-UNFSA ikomplu jiżviluppaw l-obbligu ta' kooperazzjoni, b'mod rispettiv fl-istabbiliment ta' miżuri kompatibbli ta' konservazzjoni u ġestjoni flimkien mal-iżgurar tal-konformità u l-infurzar ma' dawn il-miżuri. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(1)(3) tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO ([1]) jirrakkomanda li l-Istati kkonċernati, fl-użu tal-istokkijiet tal-ħut transżonali u transfruntiera, jistabbilixxu ftehimiet bilaterali biex jiggarantixxu kooperazzjoni effettiva sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni effettivi tar-riżorsi. Dan ikompli jiġi speċifikat fil-punti 28 u 51 tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali sabiex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IPOA-IUU) ([2]), u jistipula prattiki ddettaljati għal kooperazzjoni diretta bejn l-Istati, inkluż l-iskambju tad-dejta jew tal-informazzjoni disponibbli għall-Istati tal-kosta.

(23) F'dan ir-rigward, l-Artikolu 25(10) tal-Konvenzjoni tal-WCPFC ([3]) jistipula li kull membru, f'każ li jkollu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li bastiment tas-sajd bil-bandiera ta' Stat ieħor kien involut f'attività li ddgħajjef l-effettività tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati għaż-żona tal-Konvenzjoni, għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Istat tal-bandiera kkonċernat.

(24) L-importanza ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni effiċjenti għandha tiġi vvalutata fil-kuntest tal-preżenza ta' bastimenti predominanti bil-bandiera barranija fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tat-Tuvalu. Skont l-informazzjoni li taw l-awtoritajiet tat-Tuvalu matul iż-żjara tal-Kummissjoni fi Frar 2014, hemm total ta' 18-il kuntratt ta' liċenzjar privat bilaterali minn għaxar pajjiżi li huma attwalment fis-seħħ. F'dan ir-rigward, il-flotta awtorizzata li topera fl-ilmijiet tat-Tuvalu li hija magħmula minn 213-il bastimenti bit-tartarun, 17 bil-qasba u x-xlief u 7 bil-konz, li minnhom bastiment wieħed biss bit-tartarun u żewġ bastimenti bil-konz itajru l-bandiera tat-Tuvalu. Madankollu, it-Tuvalu rrikonoxxa li ma ġew stabbiliti l-ebda kanali ta' kooperazzjoni mal-Istati tal-bandiera kkonċernati biex jiġi żgurat li t-Tuvalu jikkonforma mal-obbligi tiegħu li jikkoopera mal-Istati tal-bandiera kif deskritt fil-premessi (22) u (23).

(25) Fir-rigward ta' miżuri effikaċi tal-infurzar, l-Artikolu 19(2) tal-UNFSA jistabbilixxi li s-sanzjonijiet applikabbli fir-rigward ta' vjolazzjonijiet għandhom ikunu severi biżżejjed sabiex ikunu effikaċi li jiżguraw il-konformità u jiskoraġġixxu l-vjolazzjonijiet kull fejn iseħħu filwaqt li għandhom iċaħħdu lil ħatjin mill-benefiċċji li jieħdu mill-attivitajiet illegali tagħhom. Kif eżaminat fil-premessi (26) sa (29), it-Tuvalu m'għandux il-qafas legali jew il-kontroll meħtieġ fuq il-flotta u l-ilmijiet neċessarji biex ikun jista' jimponi sanzjonijiet adegwati fuq dawk li jiksru l-liġi.

(26) Is-sistema tas-sanzjoni hija stabbilita fl-Att tar-Riżorsi Marini tat-Tuvalu tal-2006. Filwaqt li dan l-Att ġie emendat fl-2012, dan ma jqisx l-aħħar żviluppi fil-liġi internazzjonali fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU. F'dan ir-rigward, il-qafas legali attwali huwa nieqes minn definizzjoni espliċita ta' attivitajiet tas-sajd IUU u ksur serju u ma għandux lista komprensiva ta' reati serji indirizzati b'sanzjonijiet severi.

(27) Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni ta' Tuvalu ma tinkludix miżuri ta' akkumpanjament amministrattiv b'mod sistematiku. Dawn it-tipi ta' miżuri komplementari huma limitati għal sospensjoni u revokazzjoni ta' liċenzji u huma applikabbli biss f'każijiet ta' "reati serji" billi dan il-kunċett ta' "reati serji" mhuwiex iddefinit fi ħdan il-liġi tat-Tuvalu.

(28) Il-kunċett ta' "reati jew ksur serju" ma ġiex issimplifikat fil-liġi tat-Tuvalu. Il-qafas legali kurrenti ma jipprovdix għal sanzjonijiet detrimentali li jċaħħdu lill-ħatjin mill-benefiċċji miksuba minn attività illegali.

(29) Għaldaqstant, is-sistema tas-sanzjoni kif inhi llum mhix komprensiva u severa biżżejjed biex twettaq il-funzjoni tagħha ta' deterrent. Fil-fatt, it-trattament ta' ksur serju mhuwiex adegwat biex jiżgura l-konformità, jiskoraġġixxi l-ksur tal-liġi kull fejn dan iseħħ u biex iċaħħad lil dawk li jiksru l-liġi mill-benefiċċji li jieħdu mill-attivitaijet illegali tagħhom, kif mitlub mill-Artikolu 19(2) tal-UNFSA u l-Artikolu 25(7) tal-Konvenzjoni tal-WCPFC.

(30) In-nuqqas ta' ċarezza u trasparenza deskritti fil-premessi (39) sa (48) jikkompromettu wkoll il-possibbiltà li jiġu vvalutati l-aspetti tal-istorja, in-natura, iċ-ċirkustanzi, id-daqs u l-gravità tal-manifestazzjonijiet tas-sajd IUU meqjus. B'konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet, mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita, b'mod affidabbli, id-dimensjoni potenzjali tal-attivitajiet marbutin mas-sajd IUU. Madankollu huwa fatt magħruf li n-nuqqas ta' trasparenza flimkien man-nuqqas ta' kontrolli effettivi, jinkoraġġixxu mġiba illegali.

---

([1]) Code of Conduct for responsible fisheries, Food and Agriculture Organization of the United Nations, 1995.
([2]) International Plan of Action to prevent, deter and eliminate illegal, unreported and unregulated fishing, Food and Agriculture Organization of the United Nations, 2001.
([3]) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorji Ħafna tal-Punent u l-Oċean Paċifiku Ċentrali, li saret f'Ħonolulu fil-5 ta' Settembru 2000 (http://www.wcpfc.int/doc/convention-conservation-and-management-highly-migratory-fish-stocks-western-and-central-pacific).

(31) Fir-rigward tal-kapaċità finanzjarja u amministrattiva eżistenti tat-Tuvalu, għandu jiġi nnutat li t-Tuvalu mhuwiex ikklassifikat taħt l-indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti ([1]). Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) it-Tuvalu huwa elenkat fil-kategorija ta' pajjiżi l-anqas żviluppati, f'konformità mal-lista ta' benefiċjarji tal-Għajnuna Uffiċjali tal-Iżvilupp (ODA) tal-1 ta' Jannar 2013 ([3]) skont il-Kumitat tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) ta' Għajnuna għall-Iżvilupp. F'dan ir-rigward, il-limitazzjonijiet tal-kapaċità finanzjarja u amministrattiva tat-Tuvalu jistgħu jitqiesu bħala fattur wieħed li jdgħajjef il-kapaċità tat-Tuvalu li jaqdi d-dmirjiet tiegħu ta' kooperazzjoni u infurzar.

(32) Minkejja l-analiżi fil-premessa (31) huwa nnutat ukoll li, abbażi tal-informazzjoni miksuba miż-żjara tal-Kummissjoni fi Frar 2014, ma jistax jitqies li l-awtoritajiet tat-Tuvalu m'għandhomx riżorsi finanzjarji. Pjuttost, in-nuqqas tat-Tuvalu huwa fl-ambjent legali u amministrattiv meħtieġ biex jiżgura li jwettaq dmirijietu b'mod effiċjenti u effikaċi bħala Stat tal-bandiera, kostali, tal-port u tas-suq.

(33) Skont is-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni, kif ukoll l-istqarrijiet kollha magħmulin mit-Tuvalu, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u 31(5) tar-Regolament IUU, li t-Tuvalu naqas milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-isforzi tal-infurzar.

### 3.3. Nuqqas li jiġu implimentati r-regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)

(34) It-Tuvalu rratifika l-UNCLOS u l-UNFSA. It-Tuvalu huwa membru tal-WCPFC. It-Tuvalu huwa parti mill-Konvenzjoni FFA u l-PNA fir-rigward tal-kooperazzjoni fil-ġestjoni ta' sajd ta' interess komuni.

(35) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha li qieset rilevanti fir-rigward tal-istatus tat-Tuvalu bħala membru tal-WCPFC.

(36) Il-Kummissjoni analizzat ukoll kull informazzjoni li qieset rilevanti fir-rigward tal-ftehim tat-Tuvalu biex japplika l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-WCPFC.

(37) Skont informazzjoni komprensiva pprovduta mit-Tuvalu dwar is-sitwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd għat-tonn fl-ilmijiet tiegħu ([4]), il-qabdiet tal-2011 fit-Tuvalu miż-żona ekonomika esklużiva (ŻEE) tal-istokkijiet tat-tonn ammontaw għal 51 800 tunnellata metrika (mt). Filwaqt li dan jirrappreżenta tnaqqis mis-snin ta' qabel (63 427 mt fl-2009 u 60 618 mt fl-2010), l-istokkijiet fiż-ŻEE tat-Tuvalu għadhom jikkostitwixxu parti sinifikanti tat-total tal-istokkijiet tat-tonn fiż-żona tal-Paċifiku Ċentrali u tal-Punent.

(38) Abbażi tal-figuri ppreżentati fil-premessa (37) jidher li t-Tavulu jiġġestixxi riżorsi globali importanti tat-tonn u għalhekk għandu r-responsabbiltà, bħala Stat tal-kosta, li jiżgura ġestjoni sostenibbli responsabbli u fuq terminu twil ta' żmien ta' dawk ir-riżorsi. L-Artikoli 61 sa 64 tal-UNCLOS u l-Artikoli 7 u 8 tal-UNFSA jirregolaw l-użu ta' riżorsi ħajjin mill-Istat kostali, li għandu jadotta miżuri kompatibbli ma' dawk li japplikaw fir-reġjun u fl-ibħra internazzjonali sabiex jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul ta' stokkijiet ta' ħut transżonali u ħażniet ta' ħut li jpassu ħafna u jippromovi l-għan tal-aqwa użu tar-riżorsi ħajjin fiż-ŻEE tiegħu. L-Istati tal-kosta għandhom jiżguraw ukoll il-konformità ta' ċittadini ta' Stati oħra, li jistadu fiż-ŻEE tagħhom, ma' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, kif ukoll jikkooperaw ma' Stati u organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti involuti fis-sajd.

(39) Il-qafas legali tat-Tuvalu jonqos milli jipprovdi miżuri ċari u trasparenti ta' konservazzjoni u ġestjoni li jiżguraw ġestjoni effiċjenti u effettiva ta' bastimenti li joperaw f'ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tas-sajd qrib il-kosta. It-Tuvalu rrikonoxxa wkoll li l-Pjan ta' Ġestjoni għat-Tonn eżistenti huwa skadut u jeħtieġ reviżjoni. Bl-istess mod, il-pjan ta' ġestjoni tal-klieb il-baħar għadu ma ġiex adottat f'konformità mar-rekwiżit ta' Miżura ta' Konservazzjoni u Ġestjoni tal-WCPFC (CMM) 2010-07 ([5]).

(40) Il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fir-rigward tal-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali, inklużi l-ilmijiet arċipelaġiċi, mhumiex kompluti u mhumiex ibbażati fuq il-parir xjentifiku kif mitlub mill-UNCLOS, l-UNFSA u l-WCPFC. Billi l-Att dwar is-Sajd tat-Tuvalu tal-2006 jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin għal ġestjoni sostenibbli tas-sajd u jagħti s-setgħa lill-Ministeru tar-Riżorsi Naturali li jadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni kif

---

([1]) Informazzjoni meħuda minn http://hdr.undp.org/en/statistics
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).
([3]) Lista tad-DAC ta' Reċipjenti tal-ODA (http://www.oecd.org/dac/stats/daclistofodarecipients.htm).
([4]) WCPFC Scientific Committee Ninth Regular Session, WCPFC SC9-AR/CCM-25.
([5]) http://www.wcpfc.int/system/files/CMM%202010-07%20%5BSharks%5D.pdf

xieraq, iż-żjara tal-Kummissjoni żvelat li l-iżvilupp ta' dawn it-tip ta' dispożizzjonijiet huwa fqir ħafna. F'dan ir-rigward, l-isforz prinċipali ffoka fuq it-traspożizzjoni tal-miżuri li jinsab fit-Tielet Arranġament tal-PNA ([1]) tal-qafas leġislattiv tat-Tuvalu tal-2009.

(41) L-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tat-Tuvalu jissejħu baħar territorjali, ilmijiet arċipelaġiċi u ŻEE. Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni WCPFC, il-qasam ta' kompetenza tal-WPCFC jinkludi, fil-prinċipju, l-ilmijiet kollha tal-Oċean Paċifiku, inklużi l-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tat-Tuvalu. Minkejja dan, it-Tuvalu jeskludi l-ilmijiet territorjali u arċipelaġiċi tiegħu mill-applikazzjoni ta' skema ta' ġranet ta' sajd (Vessels Day Scheme - VDS), sistema li tillimita l-isforz tas-sajd minn flotta bit-tartarun permezz tal-allokazzjoni ta' jiem ta' sajd. Għal-daqstant, l-istrument legali prinċipali għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tat-Tuvalu ma japplikax għal parti konsiderevoli tal-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu. Fir-rigward ta' bastimenti bil-konz u bil-qasab u x-xlief, il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni huma stabbiliti fil-liċenzji individwali. Madankollu, ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-ġestjoni nnifisha tal-qbid u l-isforz fiż-żewġ setturi tas-sajd, ħlief il-politika ġenerali li tillimita n-numru ta' liċenzji tas-sajd.

(42) Barra minn hekk, matul iż-żjara tal-Kummissjoni, it-Tuvalu kkonferma li bħalissa xi WCPFC CMM mhumiex qed jiġu applikati. Dawn jikkonċernaw CMM 2007-1 dwar il-programm reġjonali tal-osservaturi li jistabbilixxi 5 % kopertura tal-osservaturi fuq bastimenti bil-konz u CMM 2010-07 li jistabbilixxi li l-piż li jinħatt l-art tal-pinen ma jistax ikun iktar minn 5 % tal-piż ta' klieb il-baħar. In-nuqqas ta' kapaċità teknika u riżorsi kienu ddikjarati li jfixklu l-progress fil-konformità mad-WCPFC CMM rilevanti.

(43) In-nuqqasijiet ċari fir-rigward ta' ċarezza u trasparenza tar-regoli applikabbli ta' konservazzjoni u ġestjoni deskritti fil-premessi (39) sa (42), inkluż il-kontroll fuq l-isforz tas-sajd skont il-VDS, flimkien mal-eżistenza ta' 18-il kuntratt ta' liċenzji privati differenti kif deskritti fil-premessa (24), iddgħajjef l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, bi ksur tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 61(2) sa (5), 62(1) u 64 tal-UNCLOS dwar l-aħjar użu tar-riżorsi, permezz ta' miżuri xierqa ta' konservazzjoni u ġestjoni.

(44) Skont l-Artikolu 61 tal-UNCLOS, l-Artikoli 5 u 6 tal-UNFSA, u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni tal-WCPFC, l-Istati tal-kosta għandhom jiddeterminaw il-qabda permessa tar-riżorsi ħajjin fiż-ŻEE tagħhom, abbażi tal-aqwa evidenza xjentifika disponibbli għalihom u abbażi ta' approċċ ta' prekawzjoni; l-Istati tal-kosta għandhom jiżguraw ukoll, permezz ta' miżuri xierqa ta' konservazzjoni u ġestjoni, li r-riżorsi ħajjin u l-istokkijiet fiż-ŻEE u f'ilmijiet oħrajn li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom ma jkunux ipperikolati minn sfruttament eċċessiv. Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO, b'mod partikolari il-paragrafi 7(3), 7(4) u 7(5), jirrakkomanda prattiki tajbin biex dawn l-obbligi jiġu ssodisfati.

(45) Fir-rapport għad-Disa' Kumitat Xjentifiku tad-WCPFC, it-Tuvalu rrikonoxxa l-eżistenza ta' sfidi li fadal fir-rigward tal-ġbir tad-dejta, l-irrappurtar u l-konformità ([2]). Dawn il-kwistjonijiet huma attribwiti għal diffikultajiet ta' kapaċità fi ħdan id-Dipartiment tas-sajd fir-rigward tal-monitoraġġ ta' rappurtar u ġestjoni tad-dejta.

(46) F'dak il-kuntest, ir-rapporti tal-Kumitat Xjentifiku tad-WCPFC iqajmu b'mod regolari l-kwistjoni ta' diskrepanzi fid-dejta. Pereżempju, fir-rapport tal-2011 il-Kumitat Xjentifiku tal-WCPFC fis-seba' (7) sessjoni tiegħu innota taħt il-punt 89 xi inkonsistenzi fir-rapportar ta' palamit, tonn isfar u tonn għajnu kbira fuq ir-reġistri tat-tartaruni. Filwaqt li l-Kumitat ikkunsidra l-importanza, għal skopijiet xjentifiċi, id-dejta preċiża dwar il-kompożizzjoni tal-qbid bit-tartarun, huwa rrakkomandat li din il-problema għandha titressaq quddiem il-Kumitat Tekniku u ta' Konformità ([3]). skont il-punt 37, enfasizza l-inċertezza tal-kompożizzjoni tal-ispeċijiet tat-tartarun, u ħeġġeġ lill-partijiet kontraenti biex ikomplu jtejbu l-istimi tad-dejta ta' kompożizzjoni tat-tartarun. Fit-tmien (8) sessjoni tiegħu, il-Kumitat Xjentifiku tad-WCPFC reġa' qajjem il-kwistjonijiet tal-lakuni u l-inkonsistenzi fid-dejta ([4]), b'rabta mal-qabda u l-kompożizzjoni tal-qabda, ikkummenta fuq l-obbligi tar-rappurtar skont il-ftehimiet ta' kiri u ħareġ rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib fil-ġestjoni ([5]). Huwa indirizza wkoll in-nuqqas ta' tressiq ta' dejta jew dejta fqira ta' ċerti partijiet kontraenti, li wħud minnhom qed joperaw f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tat-Tuvalu.

([1]) Partijiet għall-Ftehim ta' Nauru (PNA) it-Tielet Arranġament, tal-2008.
([2]) WCPFC Scientific Committee Ninth Regular Session, WCPFC SC9-AR/CCM-25.
([3]) Summary report of the WCPFC Scientific Committee, Seventh Regular Session, Pohnpei, Federated States of Micronesia 9–17 August 2011 (http://www.wcpfc.int/node/2896).
([4]) Summary report of the WCPFC Scientific Committee Eighth Regular Session 7-15 August 2012 (http://www.wcpfc.int/node/4587), it-taqsima 3.1.
([5]) Summary report of the WCPFC Scientific Committee Eighth Regular Session, il-punti 69-71.

(47) Il-Kumitat Xjentifiku tad-WCPFC, fis-seba' (7) laqgħa tiegħu, semma li, jekk il-prattiki reċenti tas-sajd tal-palamit jippersistu, il-livelli tar-rati tal-qbid x'aktarx jonqsu u l-qabda għandha tonqos hekk kif is-sajd ibaxxi l-livelli tal-istokkijiet sal-livell tar-Rendiment Massimu Sostenibbli. Għaldaqstant, iż-żieda fl-isforz fis-sajd għandha tiġi mmonitorjata ([1]). Madankollu, iż-żjara tal-Kummissjoni żvelat in-nuqqas ta' flotta tas-sajd reali u ta' politika ta' aċċess kif jidher mill-obsolexxenza u l-inkompletezza tal-Pjan għall-Ġestjoni tat-Tonn.

(48) It-Tuvalu ma japplikax miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tad-WCPFC fl-ilmijiet arċipelaġiċi tiegħu u għandu biss fis-seħħ miżuri kompatibbli limitati. Meta tqis li t-tonn huwa transżonali u jpassi ħafna, kif ukoll l-importanza tal-istokkijiet tat-tonn u l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet arċipelaġiċi tat-Tuvalu, li huma żona ġeografika importanti ta' riproduzzjoni għall-ispeċijiet tat-tonn, dik is-sitwazzjoni xxekkel kull sforz ta' konservazzjoni tal-istokk tat-tonn b'mod ġenerali fir-reġjun Paċifiku. Għaldaqstant, it-Tuvalu ma jiżgurax applikazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni fl-ilmijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu b'mod kompatibbli mar-rekwiżiti tad-WCPFC, u skont l-obbligi tiegħu li jiżgura li l-ispeċijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat tal-kosta ma jiġux ipperikolati minn sfruttament eċċessiv.

(49) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll kull att jew ommissjoni mit-Tuvalu li setgħu naqqsu l-effettività tal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli.

(50) F'dak ir-rigward, kif irrikonoxxa t-Tuvalu, il-Pjan għall-Ġestjoni tat-Tonn huwa skadut u jonqos milli jistabbilixxi għanijiet ċari li jillimitaw in-numru ta' liċenzji tas-sajd u l-qabda totali permissibbli. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni ddgħajjef il-konformità tat-Tuvalu mal-obbligi internazzjonali tiegħu. Minħabba li t-tonn huwa stokk transżonali u jpassi ħafna, il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għandhom ikunu konsistenti u kompatibbli fiż-żona kollha tal-migrazzjoni biex dawn ikunu effettivi u sostenibbli, fejn dan huwa wkoll l-għan ġenerali tal-Konvenzjoni tad-WCPFC;

(51) Skont is-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni, kif ukoll l-istqarrijiet kollha li għamel il-pajjiż, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, li t-Tuvalu naqas milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skont id-dritt internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

### 3.4. Restrizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw

(52) Skont il-klassifikazzjoni tat-Tuvalu bħala pajjiż l-anqas żviluppat (kif innutat fil-premessa (31)), il-Kummissjoni analizzat jekk l-informazzjoni miġbura setgħetx ikollha rabta mal-limitazzjonijiet speċifiċi tiegħu bħala pajjiż li qed jiżviluppa.

(53) Għalkemm jista' jkun hemm limitazzjonijiet speċifiċi ta' kapaċità b'mod ġenerali fir-rigward tal-kontroll u l-monitoraġġ, il-limitazzjonijiet speċifiċi tat-Tuvalu li ġejjin mil-livell tiegħu ta' żvilupp ma jistgħux jiġġustifikaw in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-qafas legali nazzjonali b'referenza għall-istrumenti internazzjonali biex jiġġieled, jiskoraġġixxi u jelimina attivitajiet tas-sajd IUU. Barra minn hekk, dawk il-limitazzjonijiet ma jistgħux jiġġustifikaw in-nuqqas tat-Tuvalu li jistabbilixxi sistema ta' sanzjonijiet għal kontravvenzjoni ta' miżuri internazzjonali ta' ġestjoni u konservazzjoni.

(54) Barra minn hekk, jidher li n-nuqqasijiet ta' sistema ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza jirriżultaw minn dan l-iżbilanċ bejn il-kapaċitajiet dgħajfa tat-Tuvalu għall-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE tiegħu u l-attribuzzjoni ta' aċċess għall-ilmijiet tiegħu fil-parti l-kbira tal-flotta barranija. Barra minn hekk, minkejja l-kontribut importanti tas-sajd għad-dħul ġenerali tat-Tuvalu, jidher li l-baġit allokat għall-ġestjoni tas-sajd huwa ħafna inqas. Għaldaqstant, għalkemm it-Tuvalu jista' jkollu limitazzjonijiet ta' żvilupp, il-politiki segwiti minn dak il-pajjiż għall-iżvilupp tal-industrija tiegħu tas-sajd ma jaqblux mar-riżorsi allokati u mal-prijoritajiet tal-pajjiż fir-rigward tal-ġestjoni tas-sajd.

(55) Skont is-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni kif ukoll l-istqarrijiet magħmulin mit-Tuvalu, seta' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, li l-istatus tal-iżvilupp tal-governanza tas-sajd tat-Tuvalu jista' jxxekkel il-livell ta' żvilupp tiegħu. Madankollu, meta wieħed iqis in-natura tan-nuqqasijiet stabbiliti tat-Tuvalu, u l-azzjonijiet meħudin biex titranġa s-sitwazzjoni, l-iżvilupp tat-Tuvalu ma jistax ikun għalkollox ta' skuża jew xort'oħra ta' ġustifikazzjoni għall-prestazzjoni bħala Stat tal-bandiera jew tal-kosta fir-rigward tas-sajd u għall-insuffiċjenza tal-azzjoni tiegħu biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

([1]) Summary report of the WCPFC Scientific Committee, Seventh Regular Session, il-punti 35 u 36.

## 4. KONKLUŻJONI DWAR IL-POSSIBBILTÀ TAL-IDENTIFIKAZZJONI BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

(56) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu dwar in-nuqqas tat-Tuvalu fil-qadi ta' dmirijietu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq u biex jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU, dak il-pajjiż għandu jiġi nnotifikat, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, bil-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż li l-Kummissjoni tikkunsidra li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(57) Skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lit-Tuvalu bil-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-proċeduri politiċi kollha stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tat-Tuvalu. Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandu jiġi stabbilit perjodu li fih il-pajjiż jista' jagħti tweġiba bil-miktub għan-notifika u jirrettifika s-sitwazzjoni.

(58) Barra minn hekk, in-notifika lit-Tuvalu dwar il-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis li ma jikkooperax għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, la tipprekludi u lanqas ma tfisser b'mod awtomatiku li l-Kummissjoni jew il-Kunsill se jieħdu xi azzjoni sussegwenti għall-finijiet tal-identifikazzjoni u l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

It-Tuvalu għandu jiġi nnotifikat bil-possibbiltà li jiġi identifikat mill-Kummissjoni bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

Karmenu VELLA

*Membru tal-Kummissjoni*

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2014/C 447/12)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd [1], ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 8.12.2014 |
| Tul ta' żmien | 8.12.2014–31.12.2014 |
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | COD/03AS. |
| Speċi | Merluzz (*Gadus Morhua*) |
| Żona | Kattegat |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| In-numru ta' referenza | 79/TQ43 |

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2014/C 447/13)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd [1], ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 21.11.2014 |
| Tul ta' żmien | 21.11.2014–31.12.2014 |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | GHL/N3LMNO |
| Speċi | Ħalibatt tal-Groenlandja (*Reinhardtius hippoglossoides*) |
| Żona | NAFO 3 LMNO |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | 77/TQ43 |

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd**

(2014/C 447/14)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd [1], ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 3.12.2014 |
| Tul ta' żmien | 3.12.2014–31.12.2014 |
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | COD/03AN. |
| Speċi | Merluzz (*Gadus morhua*) |
| Żona | Skagerrak |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| In-numru ta' referenza | 78/TQ43 |

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

**Aġġornament tal-ammonti ta' referenza għal-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)** ([1])

(2014/C 447/15)

Il-pubblikazzjoni ta' ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fil-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen

Barra mill-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, huwa disponibbli aġġornament ta' kull xahar fuq il-websajt tad-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

IL-BELĠJU

*Informazzjoni li tieħu post l-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 247 tat-13.10.2006*

Fil-liġi Belġjana huwa stipulat li għandha tingħata prova ta' disponibbiltà ta' miżuri xierqa ta' sussistenza.

Il-prattika amministrattiva hija kif ġej:

(a) Il-barranin li joqogħdu ma' individwu privat

Prova ta' mezzi ta' sussistenza suffiċjenti tista' tingħata permezz ta' ittra ta' garanzija ffirmata mill-persuna li tkun qiegħdha tagħti akkomodazzjoni lill-barrani fil-Belġju u tiġi awtentikata mill-amministrazzjoni muniċipali tal-post tar-residenza tiegħu.

Id-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tkopri l-ispejjeż taż-żjara tal-barrani, il-kura tas-saħħa, l-alloġġ u r-ripatrijazzjoni f'każ li l-istranġier ma jkunx jista' jħallas, sabiex tiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi ma jġorrux il-piż tagħhom. Id-dikjarazzjoni trid tiġi ffirmata minn persuna li tista' tħallas id-dejn u, jekk din il-persuna tkun barranija, ikollha permess ta' residenza jew permess ta' sistemazzjoni.

Jekk meħtieġ, il-barrani jista' jkun mitlub jagħti prova ta' riżorsi personali.

Jekk ma jkollu l-ebda kreditu finanzjarju, huwa għandu jkollu aċċess għal bejn wieħed u ieħor EUR 45 kull ġurnata taż-żjara ppjanata.

(b) Barrani li joqgħod f'lukanda

Jekk il-barrani ma jagħtix prova ta' kreditu finanzjarju, huwa għandu jkollu aċċess għal bejn wieħed u ieħor EUR 95 kull ġurnata taż-żjara ppjanata.

Fil-biċċa l-kbira tal-każi, il-persuna involuta trid turi biljett (biljett tal-ajru) li permezz tiegħu tkun tista' tmur lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħha jew fejn ikollha r-residenza tagħha.

**Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 247, 13.10.2006, p. 19

ĠU C 153, 6.7.2007, p. 22

ĠU C 182, 4.8.2007, p. 18

ĠU C 57, 1.3.2008, p. 38

ĠU C 134, 31.5.2008, p. 19

ĠU C 37, 14.2.2009, p. 8

ĠU C 35, 12.2.2010, p. 7

ĠU C 304, 10.11.2010, p. 5

ĠU C 24, 26.1.2011, p. 6

ĠU C 157, 27.5.2011, p. 8

ĠU C 203, 9.7.2011, p. 16

([1]) Ara l-lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fi tmiem dan l-aġġornament.

ĠU C 11, 13.1.2012, p. 13

ĠU C 72, 10.3.2012, p. 44

ĠU C 199, 7.7.2012, p. 8

ĠU C 298, 4.10.2012, p. 3

ĠU C 56, 26.2.2013, p. 13

ĠU C 98, 5.4.2013, p. 3

ĠU C 269, 18.9.2013, p. 2

ĠU C 57, 28.2.2014, p. 1

ĠU C 152, 20.5.2014, p. 25

ĠU C 224, 15.7.2014, p. 31

ĠU C 434, 4.12.2014, p. 3.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT